**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0338/2021**

6.12.2021

# RAPPORT

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru: il-vjolenza ċibernetika
(2020/2035(INL))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Rapporteurs: Sylwia Spurek, Elissavet Vozemberg-Vrionidi

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)
(Proċedura b'kumitat konġunt – Regola 58 tar-Regoli ta' Proċedura)

(Awturi tal-proposta: Sylwia Spurek, Elissavet Vozemberg-Vrionidi)

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET LILL-KUMMISSJONI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA DWAR IL-ĠLIEDA KONTRA L-VJOLENZA ABBAŻI TAL-ĠENERU: IL-VJOLENZA ĊIBERNETIKA ...........................................................................................................23

NOTA SPJEGATTIVA ...........................................................................................30

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM ...........................................................................35

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................36

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........37

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru il-vjolenza ċibernetika**
**(2020/2035(INL))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 8, l-Artikolu 83(1) u l-Artikoli 84 u 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8, 10, 11, 12, 21, 23, 24, 25, 26 u 47 tagħha,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025, u, b'mod partikolari, l-objettiv li n-nisa u l-bniet jinħelsu mill-vjolenza u l-isterjotipi stabbiliti fiha,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2021-2025,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2017 bit-titolu "Nindirizzaw il-kontenut illegali online – Lejn aktar responsabbiltà fir-rigward tal-pjattaformi online",

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ġunju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025)",

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025",

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, mill-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE,

– wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Kummissjoni dwar il-Ġlieda Kontra d-Diskors ta' Mibegħda Online Illegali, ippubblikat f'Mejju 2016 u l-ħames sessjoni ta' monitoraġġ tiegħu, li rriżulta fid-dokument "Factsheet – 5th monitoring round of the Code of Conduct" (Skeda Informattiva – il-ħames sessjoni ta' monitoraġġ tal-Kodiċi ta' Kondotta),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda

kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, li nfetħet għall-iffirmar f'Istanbul fil-11 ta' Mejju 2011,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità, tat-23 ta' Novembru 2001,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika (STEM) fl-edukazzjoni u fil-karrieri[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar il-proklamazzjoni tal-UE bħala Żona ta' Libertà LGBTIQ[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2021 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Frar 2021 dwar l-isfidi għad-drittijiet tan-nisa fl-Ewropa fil-futur: aktar minn 25 sena wara d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar il-perspettiva tal-ġeneru fil-kriżi tal-COVID-19 u fil-perjodu ta' wara l-kriżi[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar tnaqqis tad-disparità bejn il-ġeneri fil-qasam diġitali: il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija diġitali[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2020 dwar it-tisħiħ tal-libertà tal-media: il-protezzjoni tal-ġurnalisti fl-Ewropa, id-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni u r-rwol tal-pjattaformi[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-miżuri l-oħra biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru[10],

[1] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 208.
[2] Testi adottati, P9_TA(2021)0296.
[3] Testi adottati, P9_TA(2021)0089.
[4] ĠU C 465, 17.11.2021, p. 30.
[5] ĠU C 465, 17.11.2021, p. 160.
[6] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 191.
[7] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 232.
[8] ĠU C 425, 20.10.2021, p. 28.
[9] ĠU C 316, 6.8.2021, p. 2.
[10] ĠU C 232, 16.6.2021, p. 48.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Frar 2019 dwar ir-rigressjoni attwali tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE[11],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2018 dwar miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-fastidju morali u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, fi spazji pubbliċi, u fil-ħajja politika fl-UE[12],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar l-emanċipazzjoni tan-nisa u tat-tfajliet permezz tas-settur diġitali[13],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2017 dwar il-ġlieda kontra l-fastidju u l-abbuż sesswali fl-UE[14],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità[15],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, mill-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika[16],

– wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-istrumenti legali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, u strumenti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tas-16 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Intensification of efforts to prevent and eliminate all forms of violence against women and girls" (Intensifikazzjoni tal-isforzi għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-forom kollha tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet) (A/RES/75/161) u "The right to privacy in the digital age" (Id-dritt għall-privatezza fl-era diġitali) (A/RES/75/176),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti tal-5 ta' Lulju 2018 bit-titolu "Accelerating efforts to eliminate violence against women and girls: preventing and responding to violence against women and girls in digital contexts" (L-aċċellerazzjoni tal-isforzi biex tiġi eliminata l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet: il-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet f'kuntesti diġitali u r-rispons għaliha) (A/HRC/RES/38/5),

– wara li kkunsidra r-rapporti tan-Nazzjonijiet Uniti tar-Rapporteurs Speċjali dwar il-vjolenza kontra n-nisa, il-kawżi u l-konsegwenzi tagħha, b'mod partikolari r-rapport tat-18 ta' Ġunju 2018 dwar il-vjolenza online kontra n-nisa u l-bniet minn perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem (A/HRC/38/47), ir-rapport tas-6 ta' Mejju 2020 dwar il-ġlieda

[11] ĠU C 449, 23.12.2020, p. 102;
[12] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 31.
[13] ĠU C 390, 18.11.2019, p. 28.
[14] ĠU C 346, 27.9.2018, p. 192.
[15] ĠU C 346, 27.9.2018, p. 29.
[16] ĠU C 337, 20.9.2018, p. 167.

kontra l-vjolenza kontra l-ġurnalisti nisa (A/HRC/44/52) u r-rapport tal-24 ta' Lulju 2020 dwar l-intersezzjoni bejn il-pandemija tal-marda tal-coronavirus (COVID-19) u l-pandemija tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa, b'enfasi fuq il-vjolenza domestika u l-inizjattiva "paċi fid-dar",

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa tal-20 ta' Diċembru 1993,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra tal-10 ta' Diċembru 1984,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tat-18 ta' Diċembru 1979,

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 35 tal-Kumitat għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa tal-14 ta' Lulju 2017 dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa, li taġġorna r-rakkomandazzjoni ġenerali Nru 19,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989,

– wara li kkunsidra l-Kumment Ġenerali Nru 13 tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal tat-18 ta' April 2011 dwar id-dritt tat-tfal li ma jkunu soġġetti għall-ebda forma ta' vjolenza,

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u, b'mod partikolari l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 5 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa fir-rapport dwar is-sikurezza tal-ġurnalisti nisa online (OSKE)[17],

– wara li kkunsidra l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew bit-titolu "Combating gender-based violence: Cyber violence - European added value asessment" (Il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru: Il-vjolenza ċibernetika - valutazzjoni tal-valur miżjud Ewropew),

– wara li kkunsidra l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew bit-titolu "Cyber violence and hate speech online against women" (Il-vjolenza ċibernetika u d-diskors ta' mibegħda online kontra n-nisa),

– wara li kkunsidra l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/68/ĠAI[18],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-

[17] https://www.osce.org/files/f/documents/2/9/468861_0.pdf
[18] ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.

25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI[19],

– wara li kkunsidra Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online[20],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tat-3 ta' Marzu 2014 bit-titolu "Violence against women: an EU-wide survey (Il-vjolenza kontra n-nisa: stħarriġ madwar l-UE kollha).

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-14 ta' Mejju 2014 bit-titolu "EU LGBTI II: A long way to go for LGBTI equality" (Stħarriġ dwar l-LGBTI II tal-UE: Fadal ħafna xi jsir għall-ugwaljanza tal-LGBTI)[21],

– wara li kkunsidra l-opinjoni legali tal-Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, li għandha l-għan li tiċċara l-inċertezza tad-dritt jekk u kif l-Unjoni tista' tikkonkludi u tirratifika l-Konvenzjoni, li saret fil-11 ta' Marzu 2021[22],

– wara li kkunsidra l-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), inkluż iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità ta' din tal-aħħar, u l-Valutazzjoni tagħha tat-Theddida mill-Kriminalità Organizzata fuq l-Internet,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, kif ukoll tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A9-0338/2021),

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur fundamentali u objettiv ċentrali tal-Unjoni u għandha tiġi riflessa fil-politiki kollha tal-Unjoni; billi d-dritt għal trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni hija dritt fundamentali minqux fl-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikoli 8, 10, 19 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-karta"); billi l-ewwel objettiv tal-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 jiffoka fuq it-tmiem tal-vjolenza

[19] ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.
[20] ĠU L 274, 30.7.2021, p. 41.
[21] https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2020-lgbti-equality-1_en.pdf
[22] https://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?docid=238745&doclang=mt

abbażi tal-ġeneru u tiddeskrivih bħala "waħda mill-akbar sfidi għas-soċjetajiet tagħna", peress li taffettwa lin-nisa fil-livelli kollha tas-soċjetà, irrispettivament mill-età, l-edukazzjoni, l-introjtu, l-isfond soċjali jew il-pajjiż ta' oriġini jew ta' residenza, u huwa wieħed mill-aktar ostakli serji għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

B. billi l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u forom oħra ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru huma mifruxa fl-Unjoni u għandhom jinftiehmu bħala forma estrema ta' diskriminazzjoni li għandha impatt enormi fuq il-vittmi u l-familji u l-komunitajiet tagħhom u ksur tad-drittijiet tal-bniedem minquxa fl-inugwaljanza bejn il-ġeneri, li huma jikkontribwixxu biex jipperpetwaw u jsaħħu; billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru għandha l-għeruq tagħha fid-distribuzzjoni inugwali tal-poter bejn in-nisa u l-irġiel, fi strutturi u prattiki patrijarkali stabbiliti u normi tal-ġeneru, fis-sessiżmu u fl-istereotipi dannużi marbuta mal-ġeneru, u preġudizzji li wasslu għal dominazzjoni fuq in-nisa u diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet min-naħa tal-irġiel fid-diversità kollha tagħhom, inklużi l-persuni LGBTIQ;

C. billi l-vjolenza kontra n-nisa għandha tinftiehem li tfisser l-atti kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru li jirriżultaw, jew li x'aktarx jirriżultaw f'dannu jew f'sofferenza fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika għan-nisa, inkluż it-theddid ta' tali atti, il-koerċizzjoni jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk dan iseħħ fil-ħajja pubblika jew fil-ħajja privata jew jitwettaq online jew offline.

D. billi n-nisa u l-bniet fid-diversità kollha tagħhom u l-persuni LGBTIQ jistgħu jkunu fil-mira ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru minħabba l-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess tagħhom; billi forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni, inkluża d-diskriminazzjoni abbażi tar-razza, il-lingwa, ir-reliġjon, it-twemmin, l-oriġini nazzjonali jew soċjali, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali jew etnika, it-twelid, l-orjentazzjoni sesswali, l-età, l-istat tas-saħħa, id-diżabilità, l-istat ċivili jew l-istat ta' migrant jew ta' rifuġjat, jistgħu jaggravaw il-konsegwenzi ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; billi l-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ tfakkar li kulħadd għandu dritt għas-sikurezza, kemm jekk f'daru, kif ukoll jekk fil-pubbliku jew online;

E. billi l-Istħarriġ II tal-Unjoni dwar l-LGBTIQ imwettaq mill-FRA juri li 10 % tal-persuni LGBTIQ kienu esperjenzaw fastidju ċibernetiku minħabba li kienu LGBTIQ fis-sena ta' qabel l-istħarriġ, inkluż fuq il-media soċjali; billi l-persuni intersesswali u transgender huma affettwati b'mod sproporzjonat iżżejjed (16 %); billi l-adolexxenti bejn l-età ta' 15 u 17-il sena kienu l-grupp li l-aktar esperjenzaw fastidju ċibernetiku minħabba li kienu LGBTIQ (15 %), meta mqabbla ma' gruppi ta' età oħra (7 % -12 %);

F. billi l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet fid-diversità kollha tagħha u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru jippreżentaw forom u manifestazzjonijiet differenti iżda mhux reċiprokament esklużivi; billi l-vjolenza online spiss tkun interkonnessa mal-vjolenza offline u inseparabbli minnha minħabba li tal-ewwel tista' tippreċedi, takkumpanja jew tkompli fuq it-tieni; billi l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru għandha għalhekk tinftiehem bħala *continuum* ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru offline fl-ambjent online;

G. billi l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew bit-titolu "Combating gender-based violence: Cyber violence - European added value asessment" (Il-Ġlieda

kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru: Il-vjolenza ċibernetika - valutazzjoni tal-valur miżjud Ewropew) jistma li bejn 4 u 7 % tan-nisa fl-Unjoni esperjenzaw fastidju ċibernetiku matul it-12-il xahar qabel il-valutazzjoni, filwaqt li bejn 1 u 3 % esperjenzaw cyberstalking; billi s-cyberstalking jieħu forom multipli u huwa l-aktar forma komuni ta' diskors ta' mibegħda waħdu jew ikkombinat u ilu wisq mhux rikonoxxut u li ma tteħditx azzjoni dwaru; billi l-istħarriġ tal-Fondazzjoni tal-World Wide Web li sar fl-2020 fost ir-rispondenti minn 180 pajjiż żvela li 52 % tat-tfajliet u l-bniet esperjenzaw abbuż online bħall-kondiviżjoni ta' immaġnijiet privati, videos jew messaġġi mingħajr il-kunsens tagħhom, messaġġi kattivi u umiljanti, lingwaġġ abbużiv u ta' thedded, fastidju sesswali u kontenut falz, u 64 % tar-rispondenti ddikjaraw li jafu lil xi ħadd li esperjenza dan;

H. billi ż-żgħażagħ nisa u l-bniet huma f'riskju akbar li jiltaqgħu mal-vjolenza ċikernetika, b'mod partikolari l-fastidju ċibernetiku u l-bullying ċibernetiku; billi mill-inqas 12,5 % tal-każijiet ta' bullying fl-iskejjel huma online; billi ż-żgħażagħ issa huma dejjem aktar konnessi ma' networks soċjali f'età aktar bikrija; billi dawn il-forom ta' vjolenza jsaħħu l-piż tal-inugwaljanzi soċjali minħabba li ħafna drabi jkunu fill-mira ż-żgħażagħ l-aktar żvantaġġati; billi skont il-UNICEF, il-bniet jiġu ffastidjati darbtejn aktar mis-subien; billi skont dan l-istħarriġ, in-nisa huma aktar xettiċi fir-rigward tal-kumpaniji tat-teknoloġija li jużaw id-data tagħhom b'mod responsabbli;

I. billi fl-2014, skont ir-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tat-3 ta' Marzu 2014 bit-titolu "Violence against women: an EU-wide survey" (Il-vjolenza kontra n-nisa: Stħarriġ madwar l-UE kollha), 11 % tan-nisa kienu esperjenzaw fastidju ċibernetiku u 14 % kienu esperjenzaw stalking sa mill-età ta' 15-il sena fl-Unjoni;

J. billi l-konnettività tal-internet u l-ħtieġa ta' aċċess għall-isfera pubblika diġitali qed isiru dejjem aktar meħtieġa għall-iżvilupp tas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna; billi l-impjiegi jinvolvu dejjem aktar soluzzjonijiet diġitali li jwasslu għal riskju dejjem akbar ta' nisa li jħabbtu wiċċhom ma' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru meta jinvolvu ruħhom fis-suq tax-xogħol u fl-attività ekonomika, u jsiru dipendenti minnhom;

K. billi ż-żieda fil-firxa tal-internet, it-tixrid rapidu tal-informazzjoni fuq il-mobile, u l-użu tal-media soċjali, flimkien mal-*continuum* ta' forom multipli, rikorrenti u interrelatati ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru wasslu għall-proliferazzjoni tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; billi n-nisa u l-bniet li għandhom aċċess għall-internet iħabbtu wiċċhom ma' vjolenza online aktar spiss mill-irġiel; billi r-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-vjolenza kontra n-nisa, il-kawżi u l-konsegwenzi tagħha nnota li teknoloġiji ġodda "inevitabbilment se jagħtu lok għal manifestazzjonijiet differenti u ġodda ta' vjolenza online kontra n-nisa"; billi l-innovazzjoni sseħħ b'pass li spiss ma jippermettix riflessjoni dwar il-konsegwenzi fit-tul tagħha u l-prevalenza ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru x'aktarx li tkompli tiżdied fis-snin li ġejjin; billi hemm il-ħtieġa li jiġi vvalutat b'mod adegwat l-impatt tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru fuq il-vittmi, u li jiġu mifhuma l-mekkaniżmi li jippermettu lill-awturi tar-reat ta' dik il-forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru li jwettqu vjolenza, sabiex jiġu żgurati r-rimedju, l-obbligu ta' rendikont u l-prevenzjoni;

L. billi, skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa[23], waħda minn kull tliet nisa madwar id-dinja jesperjenzaw vjolenza fiżika jew sesswali l-aktar minn sieħeb intimu; billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru żdiedet matul il-pandemija tal-COVID-19 u l-lockdowns aggravaw ir-riskju ta' vjolenza domestika u abbuż domestiku; billi l-użu akbar tal-internet matul il-pandemija tal-COVID-19 żied il-vjolenza abbażi tal-ġeneru online u ffaċilitata mill-ICT, peress li s-sħab abbużivi u l-eks sħab jimmonitorjaw, isegwu u jheddu wkoll lill-vittmi tagħhom u jwettqu vjolenza b'għodod diġitali; billi dik il-vjolenza ċibernetika tista' tikkoinċidi mal-vjolenza fiżika u teskala għaliha jekk ma tiġix indirizzata minn kmieni; billi fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2020-2025), il-Kummissjoni tirrikonoxxi li s-sitwazzjoni attwali bil-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat żieda fil-kriminalità ċibernetika bħal reati sesswali online u reati ta' mibegħda;

M. billi l-aktar tipi komuni ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru huma reati bħall-fastidju ċibernetiku, is-cyberstalking, il-ksur tal-privatezza relatat mal-ICT, inkluż l-aċċess, it-teħid, ir-reġistrazzjoni, il-kondiviżjoni u l-ħolqien u l-manipulazzjoni ta' data jew immaġni, inkluża data intima, mingħajr kunsens, serq ta' identità u diskors ta' mibegħda online, kontroll koerċittiv permezz ta' sorveljanza diġitali u kontroll ta' komunikazzjonijiet permezz ta' apps stalkerware u spyware, u l-użu ta' mezzi teknoloġiċi għat-traffikar tal-bnedmin, inkluż għall-finijiet ta' sfruttament sesswali;

N. billi l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru tista' titwettaq bl-użu ta' firxa ta' mezzi u għodod ta' komunikazzjoni online, inklużi l-media soċjali, il-kontenut tal-web, is-siti ta' diskussjoni, is-siti web tad-dating, it-taqsimiet tal-kummenti, u ċ-chat rooms tal-logħob; billi ħafna tipi ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru jistgħu jitwettqu b'faċilità u skala ferm akbar mill-forom fiżiċi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru;

O. billi xi Stati Membri adottaw liġijiet dwar xi forom speċifiċi biss ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u, għalhekk, għad hemm lakuni sinifikanti; billi attwalment ma hemm l-ebda definizzjoni komuni jew approċċ ta' politika effettiv għall-glieda kontra l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru fil-livell tal-Unjoni; billi tali nuqqas ta' definizzjoni armonizzata fil-livell tal-Unjoni twassal għal differenzi sinifikanti dwar kemm tiġi miġġielda u pprevenuta l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru mill-Istati Membri, u b'hekk tħalli disparitajiet u frammentazzjoni wiesgħa fil-protezzjoni li huma jikkonċedu, minkejja n-natura transfruntiera tar-reat; billi għalhekk hija meħtieġa definizzjoni legali armonizzata tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru biex tiġi żgurata konverġenza kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Unjoni;

P. billi, skont ir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-vjolenza kontra n-nisa, il-kawżi u l-konsegwenzi tagħha, id-definizzjoni ta' "vjolenza online kontra n-nisa" testendi għal kwalunkwe att ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa li jitwettaq, jiġi assistit jew aggravat parzjalment jew kompletament bl-użu tal-ICT, bħall-mobiles u s-smartphones, l-internet, il-pjattaformi tal-media soċjali jew l-email, kontra mara minħabba li hija mara, jew jaffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat[24];

Q. billi l-kriminalizzazzjoni tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru jista' jkollha effett

[23] https://www.who.int/publications/i/item/9789240022256

[24] Rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar il-vjolenza kontra n-nisa, il-kawżi u l-konsegwenzi tagħha tat-18 ta' Ġunju 2018 fuq il-vjolenza online kontra n-nisa u l-bniet minn perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem (A/HRC/38/47(2018).

deterrenti fuq l-awturi tar-reat minħabba l-biża' ta' penali jew l-għarfien li qed iwettqu reat;

R. billi qed jitfaċċaw forom ġodda minħabba l-iżvilupp rapidu u l-użu ta' teknoloġiji u applikazzjonijiet diġitali; billi dawk il-forom differenti ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u fastidju ċibernetiku għandhom fil-mira l-gruppi tal-etajiet kollha, mill-età bikrija, sal-iskola u l-ħajja professjonali, sa snin aktar tard; billi l-potenzjal ta' vjolenza fl-isfera ċibernetika biex tiġi mmanifestata b'mod psikiku ma għandux jiġi injorat lanqas;

S. billi skont l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), seba’ nisa minn kull għaxra għandhom esperjenzi ta' cyberstalking; billi l-istalkerware huwa software li jiffaċilita l-abbuż billi jippermetti li l-apparat ta' persuna jiġi mmonitorjat mingħajr il-kunsens tagħha u mingħajr ma l-attività ta' monitoraġġ issir magħrufa mis-sid tal-apparat, filwaqt li s-software jibqa' moħbi; billi l-istalkerware huwa legalment disponibbli għall-użu u x-xiri fl-Unjoni, ħafna drabi kkummerċjalizzat bħala software ta' kontroll mill-ġenituri;

T. billi l-abbuż sesswali bbażat fuq l-immaġni spiss jiġi armat biex jagħti fastidju u jumilja lill-vittmi; billi d-"deepfakes" huma mod relattivament ġdid biex tiġi użata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, billi tiġi applikata l-intelliġenza artifiċjali biex in-nisa jiġu sfruttati, umiljati u ffastidjati;

U. billi l-abbuż sesswali bbażat fuq l-immaġni u s-siti web li fuqhom jinxtered dan l-abbuż huma forma dejjem tikber ta' vjolenza mis-sieħeb intimu; billi l-konsegwenzi tal-abbuż sesswali bbażat fuq l-immaġni jistgħu jkunu sesswali, fis-sens li l-att sesswali jkun ġie rreġistrat jew imxerred mingħajr kunsens; psikoloġiċi, fir-rigward tal-impatt fuq il-vittmi li jkollhom il-ħajja privata tagħhom issir pubblika; u ekonomiċi, fis-sens li l-abbuż sesswali bbażat fuq l-immaġni potenzjalment jaf jikkomprometti l-ħajja professjonali attwali u futura tal-vittmi;

V. billi hemm riskju akbar li l-videos intimi u sesswali mhux kunsenswali tan-nisa jinxterdu fuq siti web pornografiċi u li jinxterdu għal benefiċċju monetarju; billi t-tixrid ta' kontenut privat online mingħajr il-kunsens tal-vittma u, partikolarment, ta' abbuż sesswali jġib element trawmatiku addizzjonali għall-vjolenza, spiss b'konsegwenzi drammatiċi, inkluż is-suwiċidju;

W. billi t-tfajliet u l-bniet b'mod partikolari, qed jiġu soġġetti għal vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru li tinvolvi l-użu ta' teknoloġiji ġodda, inklużi l-fastidju ċibernetiku u s-cyberstalking permezz ta' theddid ta' stupru, theddid ta' mewt, vjolazzjonijiet tal-privatezza relatati mal-ICT, u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni u ritratti privati;

X. billi, fil-preżent, 15-il Stat Membru ma jinkludux l-identità tal-ġeneru fil-leġiżlazzjoni dwar id-diskors ta' mibegħda; billi l-Kummissjoni impenjat ruħha fl-Istrateġija tal-Unjoni għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 u fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 biex tippreżenta inizjattiva bil-għan li testendi l-oqsma ta' kriminalità fejn l-armonizzazzjoni hija possibbli għal forom speċifiċi biex tinkludi forom speċifiċi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru f'konformità mal-Artikolu 83(1) tat-TFUE;

Y. billi l-istatistika msemmija f'dan ir-rapport turi li d-diskors ta' mibegħda kontra l-persuni LGBTIQ huwa komuni b'mod pervażiv, b'mod partikolari online, u li hemm nuqqas ta' liġijiet notevoli f'uħud mill-Istati Membri għall-prevenzjoni, l-indirizzar u s-sanzjoni ta' tali forom ta' abbuż online;

Z. billi fl-2017 l-Unjoni ffirmat il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-Nisa u l-vjolenza domestika (il-konvenzjoni ta' Istanbul), li tibqa' l-parametru referenzjarju għall-istandards internazzjonali għall-qerda tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u l-konklużjoni tal-adeżjoni tal-UE ma' dik il-Konvenzjoni hija prijorità ewlenija għall-Kummissjoni;

AA billi, sabiex tiġi eliminata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluża l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, huwa meħtieġ li wieħed joqgħod fuq data amministrattiva konsistenti, tanġibbli, rappreżentattiva u komparabbli, ibbażata fuq qafas robust u koordinat ta' ġbir ta' data; billi hemm nuqqas ta' data diżaggregata komprensiva u komparabbli dwar il-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-kawżi fl-għeruq tagħha; billi minkejja sensibilizzazzjoni dejjem akbar dwar dan il-fenomenu, in-nuqqas ta' ġbir ta' data dwar kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru jipprevjeni valutazzjoni preċiża tal-prevalenza tagħha; billi dan in-nuqqas ta' data disponibbli huwa marbut mas-sottorappurtar ta' każijiet ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; billi l-Konvenzjoni ta' Istanbul u d-Direttiva 2012/29/UE jirrikjedu li l-Istati Membri jirrappurtaw data statistika u jipproduċu data diżaggregata skont il-ġeneru;

AB. billi r-rispons tas-settur tal-ġustizzja kriminali għall-vittmi tal-vjolenza ċibernetika għadu lura, u dan juri nuqqas ta' fehim u kuxjenza tas-serjetà ta' dawn ir-reati u jiskoraġġixxi r-rappurtar f'ħafna Stati Membri; billi jekk l-uffiċjali tal-pulizija jkunu mgħammra bil-ħiliet personali biex jisimgħu bir-reqqa, jifhmu u jirrispettaw lill-vittmi tal-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, dawn ikunu jistgħu jgħinu biex jindirizzaw is-sottorappurtar u r-rivittimizzazzjoni; billi l-iżgurar ta' proċeduri u mekkaniżmi ta' rapportar aċċessibbli, kif ukoll ta' rimedji, huwa indispensabbli għall-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur għall-vittmi kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi għandha tkun disponibbli informazzjoni għall-vittmi tal-vjolenza ċibernetika fir-rigward ta' kif u lil min għandhom jikkuntattjaw fis-servizzi tal-infurzar tal-liġi kif ukoll fir-rigward tar-rimedji disponibbli biex jgħinuhom f'sitwazzjonijiet ta' tbatija;

AC. billi ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità tal-Europol, il-Eurojust u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) wettqu riċerka dwar il-kriminalità ċibernetika online; billi xi nisa u persuni LGBTIQ, bħall-attivisti femministi u LGBTIQ, attivisti, artisti, politiċi, nisa f'karigi pubbliċi, ġurnalisti, bloggers, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u figuri pubbliċi oħra huma partikolarment affettwati mill-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, u billi dan qed jikkawżalhom mhux biss ħsara għar-reputazzjoni, dannu psikoloġiku u tbatija iżda wkoll jista' jwassal għal tfixkil fis-sitwazzjoni tal-għajxien tal-vittma, invażjonijiet tal-privatezza, kuntest fejn il-vittma tiġi msikkta mill-ambjent online jew tevitah, u dannu għar-relazzjonijiet personali u deterrent għalihom milli jipparteċipaw b'mod diġitali fil-ħajja politika, soċjali u kulturali;

AD. billi l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru spiss twassal għall-awtoċensura u din is-sitwazzjoni jista' jkollha impatt detrimentali fuq il-ħajja professjonali u r-reputazzjoni

tal-vittmi tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; billi n-natura vjolenti u abbażi tal-ġeneru tat-theddid ħafna drabi ġġegħelhom jirrikorru għall-użu ta' psewdonimi, iżommu profili online baxxi, jiddeċiedu li jissospendu, jiddiżattivaw jew ineħħu b'mod permanenti l-kontijiet online tagħhom, jew saħansitra li jħallu kompletament il-professjoni tagħhom; billi dan jista' joħnoq l-ilħna u l-opinjonijiet tan-nisa u jiggrava l-inugwaljanza diġà preżenti bejn il-ġeneri fil-ħajja politika, soċjali u kulturali; billi l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru dejjem tikber li qed iħabbtu wiċċhom magħha n-nisa tista' żżommhom milli jipparteċipaw aktar fis-settur diġitali nnifsu, u b'hekk jiġu kkonsolidati l-kunċett, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni abbażi tal-ġeneru ta' teknoloġiji ġodda u tiġi kkawżata r-replikazzjoni ta' prattiki diskriminatorji eżistenti u stereotipi li jikkontribwixxu għan-normalizzazzjoni tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;

AE. billi l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru għandha impatt dirett fuq is-saħħa u l-benesseri sesswali, fiżiċi u psikoloġiċi tan-nisa u għandha impatt soċjali u ekonomiku negattiv; billi l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru għandha impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-vittmi li jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tagħhom, ħaġa li, għalhekk, għandha konsegwenzi serji għas-soċjetà u d-demokrazija b'mod globali;

AF. billi l-impatt ekonomiku detrimentali tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-kwistjonijiet marbuta mas-saħħa mentali li tikkawża jista' jkollhom impatt qawwi fuq il-vittmi, inkluża l-kapaċità tagħhom li jfittxu impjieg, u tista' toħloq piż finanzjarju; billi l-impatt ekonomiku tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru jista' jinkludi impatt fuq l-impjiegi, bħal preżenza aktar baxxa fuq ix-xogħol, riskju li l-istatus tal-impjieg jiġi kompromess, inkluż riskju ta' telf ta' impjieg jew produttività aktar baxxa; billi l-impatt fuq is-saħħa mentali tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru jista' jkun kumpless u fit-tul; billi l-impatt fuq is-saħħa mentali tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, bħall-ansjetà, id-dipressjoni u s-sintomi kontinwi ta' wara t-trawma, għandu implikazzjonijiet interpersonali, soċjali, legali, ekonomiċi u politiċi detrimentali u fl-aħħar mill-aħħar jaffettwa l-għajxien u l-identità taż-żgħażagħ; billi xi wħud minn dawn l-impatti jikkombinaw forom oħra ta' diskriminazzjoni, u jaggravaw forom ta' diskriminazzjoni u inugwaljanzi eżistenti;

AG. billi skont l-istudju tal-EPRS intitolat "Combating gender-based violence: Cyber violence – European added value assessment" (Il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru: Il-vjolenza ċibernetika – valutazzjoni tal-valur miżjud Ewropew) l-ispejjeż globali tal-fastidju ċibernetiku u s-cyberstalking huma stmati li jiswew bejn EUR 49 u EUR 89,3 biljun, bl-akbar kategorija ta' spejjeż tkun il-valur tat-telf f'termini ta' kwalità tal-ħajja, u dan kien jammonta għal aktar minn nofs l-ispejjeż ġenerali (madwar 60 % għall-fastidju ċibernetiku u madwar 50 % għas-cyberstalking);

AH. billi l-prevenzjoni, speċjalment permezz tal-edukazzjoni, inklużi l-litteriżmu u l-ħiliet diġitali, trid tkun element ewlieni ta' kwalunkwe politika pubblika li għandha l-għan li tindirizza l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;

1. Jissottolinja li l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru hija kontinwazzjoni ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru offline u li l-ebda alternattiva ta' politika ma tkun effettiva sakemm ma tqisx din ir-realtà; jisħaq li l-atti legali eżistenti tal-Unjoni ma jipprevedux il-mekkaniżmi meħtieġa biex tiġi indirizzata b'mod adegwat il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jifformulaw u jimplimentaw

miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, jindirizzaw il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u jinkludu l-vuċi tal-vittmi tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru fl-istrateġiji biex jindirizzawha, billi jgħaqqduhom ma' inizjattivi biex jeqirdu l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, l-attitudnijiet sessisti u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa; jisħaq li dawn il-proposti futuri għandhom jaħdmu f'konformità ma' dawk eżistenti bħall-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, kif ukoll atti legali diġà fis-seħħ, bħad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25] u d-Direttiva 2012/29/UE;

2 Ifakkar li m'hemmx definizzjoni komuni ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, u dan iwassal għal differenzi sinifikanti fir-rigward tal-punt sa fejn l-Istati Membri jipprevenuha u jindirizzawha, u b'hekk iħallu disparitajiet kbar fil-protezzjoni, fl-appoġġ u fil-kumpens tal-vittmi fost l-Istati Membri; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiddefinixxu u jadottaw definizzjoni komuni tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru li tiffaċilita l-ħidma ta' analiżi tad-diversi forom ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u l-ġlieda kontriha u b'hekk jiġi żgurat li l-vittmi tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru fl-Istati Membri jkollhom aċċess effettiv għall-ġustizzja u għas-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati;

3. Jisħaq li l-kunċett ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru ma jistax ikun limitat għall-użu ta' sistemi tal-kompjuter, iżda għandu jibqa' wiesa', u b'hekk ikopri l-użu tal-ICT biex jikkawża, jiffaċilita jew jhedded il-vjolenza kontra individwi;

4. Jilqa' l-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, li tressqet mill-Kummissjoni bħala għodda biex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa fid-diversità kollha tagħha, u biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u jiġu indirizzati l-kawżi fl-għeruq tagħha; jissottolinja li l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru għandha għeruq profondi fid-dinamika tal-poter, fl-iżbilanċi ekonomiċi u fin-normi tal-ġeneru; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jindirizzaw il-kawżi fl-għeruq tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u jindirizzaw ir-rwoli tal-ġeneru u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru li jagħmlu l-vjolenza kontra n-nisa aċċettabbli;

5. Jistieden lill-Istati Membri jallokaw riżorsi umani u finanzjarji xierqa lill-korpi ta' governanza nazzjonali, reġjonali u lokali, u lill-għajnuna legali, il-kura tas-saħħa, b'mod partikolari s-saħħa mentali, u l-istituzzjonijiet tal-protezzjoni soċjali, inklużi l-organizzazzjonijiet tan-nisa, biex b'mod effettiv jgħinu fil-prevenzjoni u l-protezzjoni tan-nisa mill-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tiġi indirizzata wkoll il-vjolenza ċibernetika, inklużi l-forom li tieħu permezz tal-industrija tas-sess; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtemmu l-industrija tal-pornografija mibnija fuq il-bażi tat-traffikar tal-persuni għas-sess, l-istupru u forom oħra ta' attakk u abbuż tan-nisa u tat-tfal; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu l-misoġinija fil-forom ta' diskors ta' mibegħda, u l-attakki misoġinistiċi fir-reati ta' mibegħda;

[25] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (*ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1*).

7. Jenfasizza li d-diskriminazzjoni sistemika u soċjali, inkluża d-diskriminazzjoni tal-ġeneru, id-diskriminazzjoni razzjali u ekonomika, huma riprodotti u aggravati online; ifakkar li dawn il-forom ta' diskriminazzjoni jinkroċjaw ruħhom, u dan jirriżulta f'konsegwenzi aktar estremi għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli bħal nisa migranti, nisa li jappartjenu għal komunitajiet etniċi jew reliġjużi, nisa b'diversità funzjonali, persuni LGBTIQ u adolexxenti;

8. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni fl-ambitu tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 li testendi l-lista ta' "reati tal-UE" skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE biex tkopri r-reati ta' mibegħda u d-diskorsi ta' mibegħda, inkluż meta jkunu mmirati lejn persuni LGBTIQ;

9. Jissottolinja l-urġenza li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u jistieden lill-Kummissjoni tqis dan l-approċċ fil-proposta futura tagħha; 10. Jenfasizza li l-pandemija tal-COVID-19 irriżultat f'żieda drammatika ta' vjolenza u abbuż mis-sħab intimi, li ssejħet "shadow pandemic" u li tinkludi vjolenza fiżika, psikoloġika, sesswali u ekonomika u d-dimensjoni online tagħhom, minħabba li ħafna aktar mill-ħajja soċjali tal-persuni ċċaqalqu online u l-vittmi ġew sfurzati jqattgħu aktar ħin mal-awturi tar-reati, b'tendenza li jkunu aktar iżolati min-networks ta' appoġġ; jenfasizza wkoll li matul il-lockdowns tal-COVID-19, ħafna persuni LGBTIQ ġew soġġetti għal fastidju jew abbuż jew ġew esposti għal vjolenza, inkluż minn membri tal-familja, gwardjani legali jew koabitanti;

11. Jisħaq li x-"shadow pandemic" għamlitha diffiċli għan-nisa biex jiksbu aċċess għal protezzjoni effettiva, servizzi ta' appoġġ u ġustizzja, u żvelat riżorsi u strutturi ta' appoġġ insuffiċjenti, u ħalliet bosta nisa mingħajr protezzjoni adegwata u f'waqtha; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-assistenza li joffru permezz ta' postijiet ta' kenn, helplines u servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għall-protezzjoni tal-vittmi u jiffaċilitaw ir-rimedju u l-prosekuzzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

12. Jesprimi tħassib rigward il-każijiet ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda relatati mal-inċitament għad-diskriminazzjoni jew vjolenza li seħħew matul il-pandemija tal-COVID-19 u li wasslu għall-istigmatizzazzjoni ta' persuni minn gruppi f'sitwazzjoni vulnerabbli;

13. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi aktar dettaljata tal-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-forom kollha tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva bl-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni bħall-FRA u l-Europol[26]; ikompli jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa Protokoll tal-Unjoni dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru fi żminijiet ta' kriżi u ta' emerġenza biex tinkludi servizzi ta' protezzjoni għall-vittmi bħala "servizzi essenzjali" fl-Istati Membri;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwessgħu l-ambitu tad-diskors ta' mibegħda biex jinkludi d-diskors ta' mibegħda sessista;

15. Jissottolinja n-natura tranżnazzjonali tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; jisħaq li

[26] https://www.europol.europa.eu/publications-documents/pandemic-profiteering-how-criminals-exploit-covid-19-crisis

l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru għandha implikazzjonijiet tranżnazzjonali addizzjonali meta wieħed iqis li l-użu tal-ICT għandu dimensjoni transfruntiera; jissottolinja li l-awturi tar-reati jużaw pjattaformi online jew mobiles konnessi ma' pajjiżi li mhumiex dawk li fihom jinsabu l-vittmi tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru jew ospitati minn dawn il-pajjiżi; jenfasizza li l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi u d-diġitalizzazzjoni jafu jiġġeneraw forom ġodda ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, u li dan jista' jwassal biex l-awturi tar-reati ma jinżammux responsabbli; u b'hekk tissaħħaħ il-kultura tal-impunità;

16. Jistieden lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u tal-istati Membri u l-aġenziji tagħhom tal-infurzar tal-liġi biex jikkooperaw u jieħdu passi konkreti sabiex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom biex jindirizzaw vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;

17. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi kkunsidrata s-sovrapożizzjoni bejn il-vjolenza ċibernetika u t-traffikar ta' bnedmin ibbażat fuq l-isfruttament sesswali tan-nisa u l-bniet, speċjalment fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19; jissottolinja li s-sensibilizzazzjoni fir-rigward tat-traffikar tal-bnedmin online fuq il-media soċjali hija essenzjali biex jiġi prevenut li vittmi ġodda jidħlu fin-networks tat-traffikar; jissottolinja wkoll li l-abbuż sesswali bbażat fuq l-immaġni huwa ksur estrem tal-privatezza u jikkostitwixxi wkoll forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, kif muri fl-Irlanda f'Novembru 2020 meta għexieren ta' eluf ta' immaġnijiet sesswalment espliċiti tan-nisa u tal-bniet, saru pubbliċi mingħajr il-kunsens tagħhom; iħeġġeġ għalhekk bil-qawwa lill-Istati Membri biex jaġġornaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom sabiex jinkludu l-abbuż sesswali bbażat fuq l-immaġni jew kwalunkwe kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu espliċitu fil-lista ta' reati sesswali, b'mod separat għall-każijiet li jinvolvu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;

18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw b'mod xieraq u effettiv leġiżlazzjoni nazzjonali adegwata, inkluża leġiżlazzjoni dwar il-ġustizzja kriminali, u politiki speċifiċi biex jippromwovu s-sensibilizzazzjoni u jistabbilixxu kampanji, taħriġ u programmi edukattivi, inkluż dwar l-edukazzjoni, il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali, li jkunu mmirati wkoll lejn ġenerazzjonijiet iżgħar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri f'dan ir-rigward;

19. Jenfasizza l-importanza tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kurrikuli tal-edukazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-kawżi fl-għeruq tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru billi jitneħħew l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u jinbidlu l-attitudnijiet soċjali u kulturali li jwasslu għal normi soċjali u tal-ġeneru dannużi; jissottolinja r-rwol ta' professjonisti kwalifikati tat-taħriġ, bħall-persunal edukattiv, biex jappoġġjaw lill-istudenti fi kwistjonijiet relatati mal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u l-importanza li jsir investiment fihom; jinnota li għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-edukazzjoni tas-subien u l-irġiel;

20. Jistieden lill-Istati Membri jfasslu politiki u programmi biex jappoġġjaw u jiżguraw il-kumpens għall-vittmi u jieħdu miżuri xierqa kontra l-impunità tal-awturi ta' tali atti, inkluż billi jikkunsidraw li jirrevedu u jemendaw il-liġi nazzjonali tagħhom dwar id-digrieti ġudizzjarji sabiex jinkludu l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru bħala wieħed mill-modi li bihom jista' jinkiser digriet ġudizzjarju;

21. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali u inizjattivi biex itejbu l-approssimazzjoni tar-regoli u jsaħħu l-infurzar tar-regoli eżistenti biex jindirizzaw il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; ifakkar li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kriminalità ċibernetika, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali u l-Konvenzjoni ta' Istanbul jirrikjedu l-kriminalizzazzjoni ta' mġiba speċifika li tinkludi jew tinvolvi vjolenza kontra n-nisa u t-tfal, bħall-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu finanzjament adegwat għall-organizzazzjonijiet ta' promozzjoni u għall-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi; jenfasizza l-importanza tar-riċerka dwar il-fenomenu tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-fondi bħal dawk iddedikati għall-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u għall-ġlieda kontra l-istereotipi marbuta tal-ġeneru;

23. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu bini tal-kapaċitajiet, edukazzjoni u taħriġ għall-professjonisti rilevanti kollha li jkunu obbligatorji, kontinwi u reattivi għall-kwistjonijiet ta' ġeneru, b'mod partikolari għall-awtoritajiet tal-ġustizzja u tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru fl-istadji kollha, biex jgħammruhom b'għarfien dwar il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u dwar kif jifhmu aħjar u jieħdu ħsieb il-vittmi, b'mod partikolari dawk li jiddeċiedu li jressqu lmenti, sabiex tiġi evitata kwalunkwe vittimizzazzjoni sekondarja u trawmatizzazzjoni mill-ġdid; jisħaq wkoll fuq il-ħtieġa li jingħata taħriġ fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;

24. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġu pprovduti servizzi ta' appoġġ, linji telefoniċi ta' għajnuna, mekkaniżmi ta' rappurtar aċċessibbli u rimedji li għandhom l-għan li jipproteġu u jappoġġjaw lill-vittmi ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-Istati Membri bl-appoġġ tal-Unjoni, biex jiżviluppaw direttorju armonizzat, faċli għall-utent, aċċessibbli u aġġornat regolarment ta' servizzi ta' appoġġ, linji telefoniċi ta' għajnuna u mekkaniżmi ta' rappurtar disponibbli f'każijiet individwali ta' vjolenza ċibernetika kontra n-nisa, li jistgħu jkunu disponibbli fuq pjattaforma unika, li tista' tinkludi wkoll informazzjoni dwar l-appoġġ disponibbli għal forom oħra ta' vjolenza kontra n-nisa; jinnota li l-problema tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru probabbilment hija aktar sinifikanti minn dik indikata bħalissa mid-data minħabba s-sottorappurtar u n-normalizzazzjoni tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;

25. Jissottolinja l-importanza tal-media u tal-media soċjali għas-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi kampanji ta' sensibilizzazzjoni, informazzjoni u promozzjoni biex tindirizza l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru fil-forom kollha tagħha u biex tgħin ħalli jiġi żgurat spazju pubbliku diġitali sikur għal kulħadd; iqis li kampanja ta' sensibilizzazzjoni fl-Unjoni kollha dwar il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru għandha tinkludi, fost affarijiet oħra, informazzjoni mmirata lejn l-edukazzjoni taċ-ċittadini żgħażagħ tal-Unjoni dwar kif jirrikonoxxu u jirrappurtaw forom ta' vjolenza ċibernetika u dwar id-drittijiet diġitali; jinnota li n-nisa żgħażagħ huma partikolarment fil-mira tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u jitlob ukoll, f'dak ir-

rigward, l-iżvilupp ta' inizjattivi ta' prevenzjoni u ta' sensibilizzazzjoni speċifiċi[27];

27. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema affidabbli għall-ġbir regolari ta' data statistika diżaggregata, komparabbli u rilevanti dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluża l-vjolenza ċibernetika, u l-prevalenza, id-dinamika u l-konsegwenzi tagħha, u biex jiġu żviluppati indikaturi għall-kejl tal-progress fl-Unjoni kollha; jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li tinġabar data komprensiva, diżaggregata u komparabbli, inkluża data xjentifika, sabiex titkejjel l-iskala tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, jinstabu soluzzjonijiet u jitkejjel il-progress; jistieden lill-Istati Membri jiġbru u jipprovdu d-data rilevanti; jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħmlu użu mill-kapaċità u l-għarfien espert tal-EIGE, il-Eurostat, il-FRA, il-Europol, il-Eurojust u l-ENISA; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li twettaq stħarriġ mifrux madwar l-Unjoni dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru li r-riżultati tiegħu għandhom jiġu ppreżentati fl-2023;

28. Jinnota li l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru jista' jkollha impatt wiesa' b'konsegwenzi severi u tul il-ħajja fuq il-vittmi, bħal impatt fiżjoloġiku u impatt fuq is-saħħa mentali, inklużi l-istress, il-problemi ta' konċentrazzjoni, l-ansjetà, l-attakki ta' paniku, stima personali baxxa, depressjoni, disturb ta' stress post-trawmatiku, iżolament soċjali, nuqqas ta' fiduċja u nuqqas ta' sens ta' kontroll, biża', ħsara personali u ħsibijiet ta' suwiċidju;

29. Jirrimarka li l-impatt tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru fuq il-vittmi jista' jwassal għal ħsara fir-reputazzjoni, problemi fiżiċi u mediċi, tfixkil fis-sitwazzjoni tal-għajxien tal-vittma, ksur tad-dritt għall-privatezza u l-irtirar minn ambjenti online u offline; jissottolinja li l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru jista' jkollha wkoll impatti ekonomiċi ta' ħsara f'termini ta' preżenza aktar baxxa fuq il-post tax-xogħol, riskju ta' telf ta' impjiegi, telf fil-kapaċità ta' tiftix ta' impjieg u tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja, u jissottolinja li xi wħud minn dawn l-impatti jikkombinaw forom oħra ta' diskriminazzjoni li jiffaċċjaw in-nisa u l-persuni LGBTIQ fis-suq tax-xogħol;

30. Jinsab imħasseb dwar l-effett li l-impatt fuq is-saħħa mentali jista' jkollu b'mod partikolari fuq iż-żgħażagħ, li mhux biss jista' jikkawża tnaqqis detrimentali b'mod sinifikanti fl-edukazzjoni tagħhom, iżda wkoll l-irtirar tagħhom mill-ħajja soċjali u pubblika, inkluż l-iżolament mill-familji tagħhom;

31. Jissottolinja li l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru tiġġenera konsegwenzi psikoloġiċi, soċjali u ekonomiċi negattivi fuq ħajjet in-nisa u l-bniet, kemm online kif ukoll offline; jinnota li l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru taffettwa lin-nisa u lill-bniet b'modi differenti bħala konsegwenza ta' forom ta' diskriminazzjoni li jikkoinċidu bbażati, minbarra fuq il-ġeneru tagħhom, fuq, fost l-oħrajn, l-orjentazzjoni sesswali, l-età, ir-razza, ir-reliġjon jew id-diżabilità tagħhom, u jfakkar li approċċ intersezzjonali huwa kruċjali għall-fehim ta' dawk il-forom speċifiċi ta' diskriminazzjoni;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-forom intersezzjonali ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru li jistgħu jaffettwaw lin-nisa u l-bniet li jappartjenu għal gruppi li jinsabu f'sitwazzjoni vulnerabbli, bħal dawk li jappartjenu għal minoranzi etniċi, dawk b'diżabilità u l-persuni LGBTIQ; ifakkar li t-

[27] Ir-rapport tal-FRA tat-3 ta' Marzu 2014 bit-titolu "Violence against women: an EU-wide survey" (Il-vjolenza kontra n-nisa: stħarriġ madwar l-UE kollha).

tikkettar tal-persuni LGBTIQ bħala "ideoloġija" qed jinfirex fil-komunikazzjoni online u offline u f'kampanji kontra l-hekk imsejħa "ideoloġija tal-ġeneru"; jenfasizza li l-femministi u l-attivisti LGBTIQ spiss ikunu fil-mira ta' kampanji ta' malafama, diskors ta' mibegħda online u bullying ċibernetiku;

33. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw servizzi ta' appoġġ speċifiċi, b'xejn u aċċessibbli għal gruppi li jitqiegħdu f'sitwazzjoni vulnerabbli, inkluż appoġġ ta' emerġenza u fit-tul, bħall-appoġġ psikoloġiku, mediku, legali, prattiku u soċjoekonomiku, u programmi, b'mod partikolari dwar l-edukazzjoni, il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri f'dak ir-rigward;

34. Jiddeplora l-fatt li l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru qiegħda kull ma jmur issir aktar komuni u tnaqqas il-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-persuni LGBTIQ mill-ħajja u mid-dibattitu pubbliku li, b'konsegwenza ta' dan, tnawwar id-demokrazija tal-Unjoni u l-prinċipji tagħha u tipprevjenihom milli jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom, b'mod partikolari l-libertà tal-kelma; jikkundanna wkoll il-fatt li l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru twassal ukoll għaċ-ċensura; jiddispjaċih li tali "effett ta' tiskit" kien immirat b'mod partikolari fuq in-nisa attivisti, inklużi n-nisa u l-bniet femministi, l-attivisti LGBTIQ+, l-artisti, in-nisa fl-industriji ddominati mill-irġiel, il-ġurnalisti, il-politiċi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-bloggers, bl-effett li tiġi skoraġġuta l-preżenza tan-nisa fil-ħajja pubblika, inkluż fl-isferi tal-politika u tat-teħid ta' deċiżjonijiet; jinsab imħasseb li l-effett dissważiv ikkawżat mill-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru spiss jinxtered fir-realtà offline u li n-normalizzazzjoni tal-vjolenza online lejn in-nisa li jipparteċipaw fid-dibattitu pubbliku tikkontribwixxi b'mod attiv għas-sottorappurtar ta' dawk ir-reati u tillimita l-involviment tan-nisa żgħażagħ b'mod partikolari;

35. Ifakkar fiż-żieda tal-misoġenija, il-movimenti kontra l-ġeneru u kontra l-femministi u l-attakki tagħhom fuq id-drittijiet tan-nisa;

36. Ifakkar li n-normi u l-istereotipi tal-ġeneru huma fil-qalba tad-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru; jisħaq fuq l-impatt tar-rappreżentazzjoni tal-istereotipi marbuta mal-ġeneru fil-media u permezz tar-reklamar fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-mezzi u lill-kumpaniji tal-media jsaħħu l-mekkaniżmi awtoregolatorji u l-kodiċijiet ta' kondotta biex jiġu kkundannati u miġġielda r-reklamar sessista u l-kontenut tal-media, bħall-immaġnijiet u lingwaġġ sessista, il-prattiki sessisti u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru;

37. Jinnota li l-biċċa l-kbira tal-awturi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru huma rġiel; jissottolinja r-rwol essenzjali tal-edukazzjoni fl-età bikrija biex jiġu promossi u indirizzati l-istatus ugwali u r-relazzjoni tal-poter bejn l-irġiel u n-nisa u bejn is-subien u l-bniet, u jiġu eliminati l-preġudizzji u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru li jwasslu għal normi soċjali dannużi tal-ġeneri; jinsab imħasseb ukoll għall-fatt li l-vjolenza tal-irġiel kontra n-nisa spiss tibda bil-vjolenza tas-subien kontra l-bniet; ifakkar li l-lingwaġġ, il-kurrikuli u l-kotba użati fl-iskejjel jistgħu jsaħħu l-isterjotipi marbuta mal-ġeneru u jfakkar ukoll fl-importanza tal-edukazzjoni fil-ħiliet diġitali, bħall-iġjene ċibernetika u n-netiquette, kif ukoll l-użu rispettuż tat-teknoloġija mill-irġiel u s-subien u dwar kif iġibu ruħhom lejn in-nisa u l-bniet online, u biex jiżguraw il-libertà ta' espressjoni u l-parteċipazzjoni sinifikanti tan-nisa fid-diskors pubbliku ; jistieden f'dak ir-rigward lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji biex jiġu miġġielda l-istereotipi marbuta mal-ġeneru fl-

edukazzjoni permezz ta' taħriġ pedagoġiku u b'rieżami tal-kurrikuli, tal-materjali u tal-prattiki pedagoġiċi;

38. Jenfasizza li n-nisa, il-bniet u l-persuni LGBTIQ iħabbtu wiċċhom ma' bosta ostakli biex jidħlu fl-oqsma tal-ICT u dawk diġitali; jesprimi dispjaċir għall-fatt li d-differenza bejn il-ġeneri teżisti fl-oqsma kollha tat-teknoloġija diġitali, inklużi teknoloġiji ġodda bħall-IA, u huwa mħasseb b'mod partikolari dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-qasam tal-innovazzjoni u r-riċerka teknoloġika; jenfasizza li wieħed mill-punti ta' dgħjufija l-aktar kritiċi tal-IA jikkonċerna ċerti tipi ta' preġudizzju bħall-ġeneru, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon, l-oriġini razzjali jew etnika, l-isfond soċjali jew l-orjentazzjoni sesswali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-miżuri biex jindirizzaw tali preġudizzji, b'mod speċifiku billi jindirizzaw id-differenza bejn il-ġeneri fis-settur u jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet fundamentali;

39. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-involviment tan-nisa fis-settur tal-ICT u jippromwovu l-karrieri għan-nisa f'dak is-settur billi jipprovdu biżżejjed inċentivi fil-pjanijiet ta' azzjoni jew fil-politiki nazzjonali, reġjonali u lokali tagħhom dwar il-ġeneru; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw id-differenza bejn il-ġeneri fis-setturi tal-ICT u tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) permezz tal-edukazzjoni, kampanji ta' sensibilizzazzjoni, taħriġ professjonali, finanzjament xieraq, il-promozzjoni tar-rappreżentanza tan-nisa f'dawk is-setturi, b'mod partikolari f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, opportunitajiet indaqs, ambjenti tax-xogħol sikuri u abilitanti, inklużi politiki ta' fastidju sesswali u morali b'tolleranza żero;

40. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw applikazzjoni xierqa tad-Direttiva 2011/93/UE biex titqajjem sensibilizzazzjoni u jitnaqqas ir-riskju li t-tfal isiru vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali online;

41. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni, fl-istrateġija reċenti tagħha dwar id-drittijiet tal-vittmi, li tniedi network tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika u li tieħu azzjonijiet biex tipproteġi s-sikurezza tal-vittmi taċ-ċiberkriminalità abbażi tal-ġeneru billi tiffaċilita l-iżvilupp ta' qafas għall-kooperazzjoni bejn il-pjattaformi tal-internet u partijiet ikkonċernati oħra;

42. Jieħu nota tat-talba, mill-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u għall-Irġiel għal leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza online fil-konfront tan-nisa;

43. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu protetti, mogħtija s-setgħa u appoġġjati l-vittmi ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, u li tiġi żgurata r-reparazzjoni fil-konfront tal-vittmi u l-għoti ta' aċċess ugwali għall-ġustizzja, b'mod partikolari fir-rigward tal-għoti ta' konsulenza psikoloġika u legali, aċċessibbli għall-vittmi kollha tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;

44. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw taħriġ ta' kwalità b'approċċ sensittiv għall-ġeneru għall-prattikanti u professjonisti oħra, inkluż il-persunal tas-servizzi soċjali, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, l-uffiċjali tal-ġustizzja u l-persunal edukattiv, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

45. Ifakkar fl-importanza, f'dak il-kuntest, li l-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili jingħataw ir-riżorsi finanzjarji u umani biex jipprovdu servizzi ta' appoġġ, bħal pariri legali u appoġġ psikoloġiku, u konsulenza;

46. Jistieden lill-Istati Membri jaraw li s-servizzi ta' appoġġ, inklużi l-konsulenza legali u psikoloġika, ikunu aċċessibbli għall-vittmi kollha, jistabbilixxu protokoll ċar ta' għajnuna għall-vittmi tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u jipprevjenu aktar ħsara u vittimizzazzjoni mill-ġdid u jiżguraw li l-vittmi jkollhom aċċess immedjat għall-ġustizzja; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' sensibilizzazzjoni fost il-vittmi dwar is-servizzi ta' appoġġ disponibbli; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jxerrdu informazzjoni aċċessibbli dwar il-perkorsi legali u s-servizzi ta' appoġġ disponibbli għall-vittmi ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u joħolqu mekkaniżmi ta' lmenti li huma faċilment u immedjatament aċċessibbli għall-vittmi, inkluż bil-mezzi diġitali;

47. Jissottolinja r-rwol importanti li l-pjattaformi online jridu jkollhom fl-indirizzar tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u l-ġlieda kontriha; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jikkooperaw ma' pjattaformi online biex jadottaw miżuri biex jiżguraw mekkaniżmi ta' rappurtar f'waqthom u aċċessibbli fil-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika u biex jiżguraw is-sikurezza online, il-privatezza online tan-nisa u mekkaniżmi ta' rimedju xierqa;

48. Jitlob kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-kumpaniji tat-teknoloġija u l-fornituri tas-servizzi, li għandhom ikunu f'konformità sħiħa mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, bil-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-vittmi jiġu salvagwardjati u protetti;

49. Jilqa' f'dan ir-rigward il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, li għandha l-għan li toħloq spazju diġitali aktar sikur, u f'konformità mal-atti legali rilevanti tal-Unjoni, li fihom id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali huma protetti;

50. Iħeġġeġ lill-Kunsill jikkonkludi b'urġenza l-proċess ta' ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul min-naħa tal-Unjoni abbażi ta' adeżjoni wiesgħa mingħajr l-ebda limitazzjoni u jippromwovi r-ratifika, l-implimentazzjoni rapida u xierqa, u l-infurzar tagħha min-naħa tal-Istati Membri kollha; jesprimi dispjaċir għall-fatt li sal-lum 21 Stat Membru tal-UE biss irratifikawha;

51. Jissottolinja li l-Konvenzjoni ta' Istanbul hija l-aktar trattat internazzjonali komprensiv li jindirizza l-kawżi ewlenin tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru f'kull forma tagħha, u jiżgura azzjoni leġiżlattiva fir-rigward kemm fuq il-vjolenza abbażi tal-ġeneru online kif ukoll offline, u għandha titqies bħala standard minimu; jikkundanna bil-qawwa t-tentattivi minn xi Stati Membri li jiskreditaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul u li jreġġgħu lura l-progress li sar fil-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jisħaq fuq l-importanza li l-Konvenzjoni tiġi implimentata b'mod effettiv madwar l-Unjoni u jfakkar li n-nuqqas li tiġi konkluża r-ratifika tagħha jdgħajjef il-kredibilità tal-Unjoni; jenfasizza li din is-sejħa ma tneħħi xejn mis-sejħa għall-adozzjoni ta' att legali tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru iżda, pjuttost, tikkomplementaha; ifakkar li miżuri

leġiżlattivi ġodda għandhom fi kwalunkwe każ ikunu koerenti mad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti mill-Konvenzjoni ta' Istanbul u għandhom ikunu komplementari għar-ratifika tagħha; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Istati Membri u lill-Unjoni jadottaw aktar miżuri, inklużi miżuri leġiżlattivi vinkolanti, biex jiġu miġġielda dawk il-forom ta' vjolenza fil-qafas tad-direttiva li jmiss dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru;

52. Jafferma bil-qawwa l-impenn tiegħu, kif diġà esprima qabel, li jindirizza l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u jtenni t-talba tiegħu rigward il-ħtieġa għal direttiva komprensiva li tkopri kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inklużi l-obbligi għall-prevenzjoni, investigazzjoni u prosekuzzjoni tal-awturi tar-reat, biex jiġu protetti l-vittmi u x-xhieda, u biex tinġabar id-data, bħala l-aħjar mod biex tintemm il-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

53. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża d-direttiva li jmiss biex tikkriminalizza l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, bħala pedament għall-armonizzazzjoni ta' atti legali eżistenti u futuri;

54. Jistieden lill-Kunsill jattiva l-klawżola passerelle billi jadotta deċiżjoni li tidentifika l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ta' kriminalità partikolarment serju b'dimensjoni transfruntiera skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE;

55. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, mingħajr dewmien żejjed, bħala parti mill-proposta leġiżlattiva li jmiss u abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE, proposta għal att li jistabbilixxi miżuri għall-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan l-abbozz ta' rapport; jindika li dik il-proposta ma għandhiex iddgħajjef l-isforzi biex tiġi identifikata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità partikolarment serju b'dimensjoni transfruntiera skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE, jew kwalunkwe att legali derivat dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru kif mitlub mill-Parlament fis-sejħiet preċedenti tiegħu;

56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet fl-anness lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

## ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET LILL-KUMMISSJONI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA DWAR IL-ĠLIEDA KONTRA L-VJOLENZA ABBAŻI TAL-ĠENERU: IL-VJOLENZA ĊIBERNETIKA

***Rakkomandazzjoni 1 dwar l-objettiv tad-direttiva li għandha tiġi adottata***

L-objettiv huwa li fil-proposta li jmiss jiġu stabbiliti regoli minimi, bħala rispons ta' politika armonizzat, rigward id-definizzjoni tar-reat ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u s-sanzjonijiet relatati, biex jiġu stabbiliti miżuri ta' appoġġ u promozzjoni għall-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni ta' dak ir-reat u biex jiġu stabbiliti miżuri ta' protezzjoni, appoġġ u garanzija ta' reparazzjonijiet għall-vittmi.

***Rakkomandazzjoni 2 dwar il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet***

Id-definizzjoni ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru għandha tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni, il-firxa u n-natura skont il-ġeneru u intersezzjonali tal-vjolenza ċibernetika u tissottolinja li l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru hija parti mill-continuum tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Il-proposta għandha tinkludi definizzjoni bbażata fuq id-definizzjonijiet fl-istrumenti eżistenti, bħall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità jew il-Konvenzjoni ta' Istanbul, id-definizzjonijiet elaborati mill-Kumitat tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità, il-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni dwar l-Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel u r-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-vjolenza kontra n-nisa, il-kawżi u l-konsegwenzi tagħha u d-definizzjonijiet imfassla fil-kuntest taċ-ċiberkriminalità jew il-vjolenza ċibernetika kontra t-tfal, jew il-vjolenza kontra n-nisa.

Abbażi tal-istrumenti eżistenti, definizzjoni possibbli tista' tkun: "Il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru hija forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u hija definita bħala kwalunkwe att ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru li jitwettaq, jiġi assistit jew aggravat parzjalment jew kompletament bl-użu tal-ICT, bħal mobiles u smartphones, l-internet, il-pjattaformi tal-media soċjali jew l-email, kontra mara minħabba li hija mara jew taffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat, jew kontra persuni LGBTIQ minħabba l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess tagħhom, u tirriżulta fi, jew x'aktarx li tirriżulta f'dannu fiżiku, sesswali, psikoloġiku jew ekonomiku, inkluż theddid biex jitwettqu tali atti, koerċizzjoni jew privazzjoni arbitrarja tal-libertà, fil-ħajja pubblika jew privata";

**- liema reati?**
L-inklużjoni tat-terminu "kriminalità tal-informatika" fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE tista' tkopri wkoll reati mwettqa kontra networks ta' komunikazzjoni elettronika jew sistemi ta' informazzjoni jew bl-użu tagħhom, u forom serji ta' vjolenza online abbażi tal-ġeneru b'dimensjoni transfruntiera jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' "kriminalità tal-informatika" skont it-tifsira tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE.
Barra minn hekk, jistgħu jiġu stabbiliti miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u li jgħinu lill-vittmi abbażi tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE minħabba li huma sekondarji għall-objettiv ewlieni tad-direttiva.

Il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva għandu jkopri kwalunkwe forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru mwettqa, assistita jew aggravata parzjalment jew kompletament bl-użu tal-ICT, bħal mobiles u smartphones, l-internet, il-pjattaformi tal-media soċjali jew l-email, kontra mara minħabba li hija mara, jew taffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat jew kontra persuni LGBTIQ minħabba l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess. Għalkemm mhuwiex possibbli li tiġi ppreżentata tipoloġija eżawrjenti tal-forom differenti ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru minħabba li din qed tevolvi b'mod kostanti u qed jitfaċċaw forom ġodda, għandhom jissemmew u jiġu definiti t-tipi li ġejjin:

- **fastidju ċibernetiku**, inkluż il-bullying ċibernetiku, fastidju sesswali online, riċeviment mhux mitlub ta' materjal sesswalment espliċitu, fastidju morali u dead naming;
- **cyberstalking**;
- **Ksur tal-privatezza relatat mal-ICT,** inkluż l-aċċess, ir-reġistrazzjoni, il-kondiviżjoni u l-manipulazzjoni ta' data jew immaġnijiet privati, inkluż b'mod speċifiku abbuż sesswali bbażat fuq l-immaġnijiet, il-ħolqien jew id-distribuzzjoni mhux kunsenswali ta' immaġnijiet sesswali, doxxing u serq ta' identità;
- **ir-reġistrazzjoni u l-kondiviżjoni ta' immaġnijiet ta' stupru jew ta' forom oħra ta' attakk sesswali;**
- **il-kontroll jew is-sorveljanza mill-bogħod**, inkluż permezz ta' applikazzjonijiet ta' spjunaġġ fuq apparati mobbli;
- **it-theddid,** inklużi theddid dirett u theddid ta' vjoljenza u sejħiet għall-vjolenza, bħal theddid ta' stupru, estorsjoni, estorsjoni sesswali, rikatt dirett lejn il-vittmi, uliedhom jew qraba jew persuni oħra li jappoġġjaw lill-vittma u li huma affettwati indirettament;
- **id-diskors ta' mibegħda sessista,** inkluż il-pubblikazzjoni u l-kondiviżjoni ta' kontenut li jinċita għall-vjolenza jew għall-mibegħda kontra n-nisa jew il-persuni LGBTIQ abbażi tal-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess tagħhom;
- **l-istigazzjoni ta' vjolenza fuqhom infushom,** bħal promozzjoni ta' suwiċidju jew anoressija u ħsara psikika;
- **il-ħsara fil-kompjuters** lil fajls, programmi, apparati, attakki fuq siti web u fuq mezzi oħra ta' komunikazzjoni diġitali;
- **l-aċċess illegali** għal mobiles, email, messaġġerija istantanja jew għal kontijiet tal-media soċjali;
- **il-ksur tar-restrizzjonijiet ta' komunikazzjoni** imposti permezz ta' ordnijiet ġudizzjarji,
- **l-użu ta' mezzi teknoloġiċi għat-traffikar ta' bnedmin**, inkluż għall-isfruttament sesswali tan-nisa u l-bniet.

**- liema vittmi?**

Il-kamp ta' applikazzjoni personali tal-proposta għandu jkopri l-vittmi kollha ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru b'rikonoxximent speċifiku ta' forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni u vittmi li jipparteċipaw fil-ħajja pubblika, li jinkludu:

- in-nisa u l-bniet fid-diversità kollha tagħhom; u
- l-persuni LGBTIQ minħabba l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess,

***Rakkomandazzjoni 3 dwar miżuri ta' prevenzjoni***

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw sensiela ta' miżuri sabiex jipprevjenu l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, dawn il-miżuri kollha għandhom jipprevjenu t-trawmatizzazzjoni mill-ġdid u l-istigmatizzazzjoni tal-vittmi ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, ikunu ċċentrati fuq il-vittmi u jkollhom approċċ intersezzjonali. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu dan li ġej:

- programmi ta' sensibilizzazzjoni u edukattiki, li jinkludu programmi indirizzati għas-subien u għall-irġiel, kif ukoll kampanji li jinvolvu lill-atturi u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, fil-kuntest ġenerali tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru sabiex isiru bidliet fl-attitudnijiet soċjali u kulturali u jitneħħew ir-regoli u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, filwaqt li jiġi promoss ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-ispazju online, b'attenzjoni speċjali għall-pjattaformi tal-media soċjali u ż-żieda fil-litteriżmu dwar l-użu sikur tal-internet;
- ir-riċerka dwar vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru (inklużi aspetti bħal kawżi, prevalenza, impatt; il-vittmi, l-awturi tar-reati, il-manifestazzjonijiet, il-kanali u l-ħtieġa għal servizzi ta' appoġġ; tali riċerka għandha tinkludi studji u l-aġġustament tal-istatistika dwar il-kriminalità dwar il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi; tali riċerka għandha tkun appoġġjata mill-ġbir ta' data diżaggregata, intersezzjonali u komprensiva;
- l-allinjament tal-edukazzjoni, il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali, bħall-iġjene ċibernetika u n-netiquette, inkluż fil-kurrikuli tal-iskejjel, sabiex jiġi promoss fehim imtejjeb tat-teknoloġiji diġitali, b'mod partikolari biex jiġi evitat l-użu ħażin tal-media soċjali u biex tissaħħ il-pożizzjoni tal-utenti, tittejjeb l-inklużjoni diġitali, jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, tiġi eliminata kwalunkwe inugwaljanza u preġudizzji bejn il-ġeneri fl-aċċess għat-teknoloġiji u tiġi żgurata d-diversità bejn il-ġeneri fis-settur tat-teknoloġija, b'mod partikolari fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, inkluż it-taħriġ għall-għalliema;
- l-iffaċilitar tal-aċċess tan-nisa għall-edukazzjoni u l-akkademja f'oqsma tat-teknoloġija diġitali sabiex titneħħa d-differenza bejn il-ġeneri, inkluża id-differenza diġitali bejn il-ġeneri, u tiġi żgurata d-diversità bejn il-ġeneri fis-setturi tat-teknoloġija, bħall-ICT u STEM, jiġifieri fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, inkluża l-IA, u, b'mod partikolari f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet;
- il-promozzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fl-aċċess għall-ġustizzja, l-għoti ta' sentenzi u r-rimedji li għandhom approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru;
- il-promozzjoni ta' programmi edukattivi u ta' trattament integrati u komprensivi mmirati lejn il-prevenzjoni ta' reati mill-ġdid kif ukoll lejn iċ-ċaqliq ta' mġiba u mentalità mill-vjolenza, f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet rilevanti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'kont meħud tal-prattiki bbażati fil-komunità u l-approċċi tal-ġustizzja trasformattiva, li huma kruċjali biex jitwaqqaf iċ-ċiklu ta' ħsara;
- l-iżvilupp ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni, ta' għarfien espert u tal-aħjar prattiki, b'mod partikolari permezz tan-Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità li jikkoordina flimkien maċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità tal-Europol, u ma' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra relatati bħall-Eurojust, f'konformità mad-drittijiet fundamentali;
- għall-pjattaformi online li jintużaw primarjament għat-tixrid ta' kontenut pornografiku ġġenerat mill-utenti, jiġi żgurat li l-pjattaformi jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi meħtieġa biex jiggarantixxu li dawk l-utenti li jxerrdu l-kontenut ikunu vverifikaw

lilhom infushom permezz ta' reġistrazzjoni doppja għall-parteċipazzjoni bil-posta elettronika u bit-telefown ċellulari.

- ir-rikonoxximent, l-appoġġ u l-għoti ta' informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-prevenzjoni, inkluż billi jiġi żgurat li jkollhom appoġġ finanzjarju;
- il-promozzjoni ta' taħriġ iffukat u kontinwu għall-prattikanti u għal professjonisti oħra, inkluż il-persunal tas-servizzi soċjali, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, l-uffiċjali tal-ġustizzja u atturi rilevanti oħra biex jiġi żgurat li jinftiehmu l-kawżi u l-impatt tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u li l-vittmi jiġu ttrattati b'mod xieraq, u jiġi żgurat li t-taħriġ għall-prattikanti kollha jkollu approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru;
- il-kunsiderazzjoni li jiġi rregolat l-iżvilupp tas-softwer tal-applikazzjonijiet ta' monitoraġġ, bil-għan li jiġi kkunsidrat l-użu ħażin jew l-abbuż possibbli ta' dawk l-applikazzjoni u jiġu previsti salvagwardji adegwati sabiex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali u tiġi żgurata l-konformità mal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data; il-projbizzjoni mill-Kummissjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' kwalunkwe softwer ta' monitoraġġ li jinvolvi sorveljanza mingħajr il-kunsens tal-utent u mingħajr indikazzjonijiet ċari tal-attività tagħha;
- kunsiderazzjoni tal-kodiċi ta' prattika għall-pjattaformi online, b'kont meħud tal-implikazzjoni jew ir-rwol possibbli tiegħu fil-kuntest tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, u l-iżgurar li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-evalwazzjoni u r-rieżami tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Ġlieda kontra d-Diskors ta' Mibegħda Illegali Online; l-adozzjoni ta' miżuri li jobbligaw lill-kumpaniji tal-IT itejbu r-rispons li jipprovdu lill-utenti permezz ta' notifiki li jippermettulhom jirreaġixxu malajr u b'mod effettiv fir-rigward tal-kontenut indikat bħala illegali;
- ir-rikonoxximent tad-dimensjoni diġitali tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-istrateġiji, fil-programmi u fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali bħala parti minn rispons olistiku għal kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru;
- il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-intermedjarji tal-internet u l-NGOs li jaħdmu fuq il-kwistjoni – bħal permezz ta' avvenimenti ta' tagħlim bejn il-pari jew konferenzi pubbliċi;
- kooperazzjoni multidixxiplinari u bejn il-partijiet ikkonċernati, inkluż ma' kumpaniji tat-teknoloġija, fornituri ta' servizzi ta' hosting u awtoritajiet kompetenti, dwar l-aħjar prattiki biex tiġi indirizzata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru f'konformità mad-drittijiet fundamentali.

***Rakkomandazzjoni 4 dwar il-protezzjoni tal-vittmi, l-appoġġ għalihom u l-kumpens tagħhom***

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin, li kollha għandhom ikunu ċċentrati fuq il-vittmi u jkollhom approċċ intersezzjonali:

- jippromwovu taħriġ speċifiku u kontinwu obbligatorju għall-prattikanti u għall-professjonisti li jittrattaw vittmi ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-persunal soċjali, tat-tfal u tal-kura tas-saħħa, atturi tal-ġustizzja kriminali u l-membri tal-ġudikatura; Programmi ta' taħriġ madwar l-

Unjoni jistgħu jiġu implimentati fil-qafas tal-programmi tal-Ġustizzja u taċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u flimkien mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u man-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju; b'mod partikolari, għandha ssir enfasi fuq il-vittimizzazzjoni sekondarja u kif din għandha tiġi evitata, fuq id-dimensjoni doppja tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru (online/offline) u fuq id-diskriminazzjoni intersezzjonali, kif ukoll dwar l-assistenza pprovduta għall-vittmi bi bżonnijiet speċjali;

- jiżguraw li t-taħriġ kollu għall-prattikanti jkollu approċċ sensittiv għall-ġeneru u li l-programm jinkludi azzjonijiet biex jiġi żgurat li l-vittma ma tiġix rivittimizzata matul il-proċedimenti kriminali (rivittimizzazzjoni u stigmatizzazzjoni);
- għall-pjattaformi online li jintużaw primarjament għat-tixrid ta' kontenut pornografiku ġġenerat mill-utenti, jiġi żgurat li l-pjattaformi jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi meħtieġa biex jiggarantixxu l-aċċessibbiltà ta' proċedura ta' notifika kwalifikata fil-forma li l-individwi jistgħu jinnotifikaw lill-pjattaforma bl-affermazzjoni li dak il-materjal tal-immaġnijiet li qed jurihom jew li qed isostni li qed jurihom qed jiġi mxerred mingħajr il-kunsens tagħhom u jipprovdu lill-pjattaforma b'evidenza *prima facie* tal-identità fiżika tagħhom u li l-kontenut innotifikat permezz ta' din il-proċedura għandu jiġi sospiż fi żmien 48 siegħa.
- għall-pjattaformi online li jintużaw primarjament għat-tixrid ta' kontenut pornografiku ġġenerat mill-utenti, jiġi żgurat li l-pjattaformi jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi meħtieġa biex jiggarantixxu moderazzjoni professjonali tal-kontenut imħaddem mill-bniedem, fejn jiġi rieżaminat il-kontenut li jkollu probabbiltà għolja li jkun illegali, bħall-kontenut li juri materjal voyeuristiku jew li jirrappreżenta xeni ta' stupru;
- jistabbilixxu punti ta' kuntatt nazzjonali fis-servizzi soċjali u fl-aġenziji tal-infurzar tal-liġi b'persunal speċjali mħarreġ dwar il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru għall-vittmi biex jirrapportaw il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru f'ambjent sikur; il-punti ta' kuntatt għandhom jiġu kkoordinati permezz ta' network; dawk il-miżuri jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati s-sottorappurtar, ir-rivittimizzazzjoni u biex jinħoloq ambjent aktar sikur għall-vittmi ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;
- jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni għall-vittmi b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli li l-vittma tista' tifhem, b'mod partikolari dwar l-għajnuna u l-azzjonijiet legali, kif ukoll servizzi ta' appoġġ, u jiżviluppaw servizzi speċifiċi għall-vittmi ta' vjolenza ċibernetika (linji telefoniċi ta' għajnuna, postijiet ta' kenn, assistenza legali u psikoloġika); jiffaċilitaw rappurtar mill-vittmi, li jippermettulhom jiksbu ordnijiet ta' protezzjoni, u jiżviluppaw mekkaniżmi ta' rimedju b'miżuri ta' kumpens reparatorju adegwati;
- jgħammru linji telefoniċi nazzjonali ta' għajnuna bir-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa biex jirrispondu għad-dimensjoni diġitali tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru;
- iwaqqfu linja telefonika ta' għajnuna madwar l-Unjoni kollha bħala punt ta' kuntatt għall-vittmi u jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jużawha faċilment u mingħajr ħlas; jiżviluppaw direttorju ta' servizzi ta' appoġġ, inklużi linji tat-telefown għall-għajnuna u mekkaniżmi ta' rapportar disponibbli f'każijiet individwali ta' vjolenza ċibernetika;
- jiżguraw li l-vittmi tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru fl-Istati Membri jkollhom aċċess għal servizzi ta' appoġġ speċjalizzati u għall-ġustizzja, rimedji u proċeduri u mekkaniżmi ta' rappurtar sikuri u aċċessibbli indipendentement mit-tressiq ta' lment; ineħħu l-ostakli kollha li l-vittmi li jiddeċiedu li jressqu lment jistgħu jiffaċċjaw u joħolqu mekkaniżmi ta' lment li jkunu aċċessibbli faċilment u immedjatament għall-vittmi, inkluż b'mezzi diġitali;

- jiżviluppaw mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-intermedjarji tal-internet u l-NGOs li jaħdmu fuq il-kwistjoni, kif ukoll bejn l-atturi rilevanti, bħall-ġudikatura, il-prosekuturi pubbliċi, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
- jappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, partikolarment dawk li jipprovdu servizzi ta' appoġġ, inkluż billi jipprovdu appoġġ finanzjarju);
- jippromwovu l-iżvilupp etiku u l-użu ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi li jappoġġjaw lill-vittmi u li jgħinu fl-identifikazzjoni tal-awturi tar-reati, filwaqt li jiżguraw konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali.

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa prinċipji gwida għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi meta jittrattaw mal-vittmi li jkunu qed jirrapportaw vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, li għandhom jiġu mgħammra bil-ħiliet personali meħtieġa biex jisimgħu bir-reqqa, jifhmu u jirrispettaw lill-vittmi kollha tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru; il-prinċipji gwida għandu jkollhom approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru;

L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw servizzi ta' protezzjoni u ta' appoġġ speċjalizzati li huma aċċessibbli għall-vittmi kollha, mingħajr ħlas inkluż appoġġ ta' emerġenza u fit-tul, bħal appoġġ psikoloġiku, mediku, legali, prattiku u soċjoekonomiku, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi, u tingħata attenzjoni partikolari lill-vittmi li jappartjenu għall-gruppi li jkunu partikolarment esposti jew fil-bżonn. Il-Kummissjoni għandha tappoġġja lill-Istati Membri f'dan ir-rigward.

***Rakkomandazzjoni 5 dwar il-prosekuzzjoni u l-kriminalizzazzjoni tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru***

Abbażi tad-definizzjoni msemmija fir-Rakkomandazzjoni 2 u meta jitqies li l-kriminalizzazzjoni ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru jista' jkollha effett deterrenti fuq l-awturi tar-reati, il-kriminalizzazzjoni tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

- il-forom ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru li għandhom jiġu kriminalizzati mill-Istati Membri (biex jiġu koperti wkoll fażijiet preċedenti taċ-ċiberkriminalità - inċitament, għajnuna, tħajjir u tentattiv);
- penali minimi u massimi (ħabs u multi);
- l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni transfruntiera;
- ċirkostanzi aggravanti, skont il-profil tal-vittmi nisa u bniet (l-isfruttament ta' karatteristiċi speċifiċi, vulnerabbiltajiet tan-nisa u tal-bniet online);
- dispożizzjonijiet speċifiċi li jindikaw il-linji gwida għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni prinċipalment indirizzati lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-prosekuturi, li għandhom jinkludu wkoll indikazzjonijiet speċifiċi għall-infurzar tal-liġi dwar il-ġbir tal-evidenza;
- kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-kumpaniji tat-teknoloġija u l-fornituri tas-servizzi, speċjalment fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-awturi u l-ġbir tal-evidenza, li għandha tkun f'konformità sħiħa mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data;
- kwalunkwe evidenza għandha tinġabar b'mod li ma tikkawżax vittimizzazzjoni sekondarja jew ritrawmatizzazzjoni tal-vittma.

- ċirkostanzi aggravanti, skont il-profil tal-vittmi nisa, bniet u persuni LGBTIQ, pereżempju, l-isfruttament ta' karatteristiċi speċifiċi jew vulnerabbiltajiet tan-nisa, bniet u persuni LGBTIQ online;
- il-valutazzjonijiet tar-riskju għandhom jinkludu u jikkunsidraw ix-xejriet tal-imġiba u l-aspetti abbażi tal-ġeneru tal-inċident, bħall-istereotipi, id-diskriminazzjoni, it-theddid sesswalizzat u l-intimidazzjoni; dik l-informazzjoni għandha tintuża biex jiġu ddeterminati l-azzjonijiet ta' segwitu u jittejjeb il-ġbir ta' data relatata mal-manifestazzjonijiet differenti ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru;
- l-għoti ta' evidenza ma għandux jirrappreżenta piż għall-vittmi jew jikkontribwixxi għal vittimizzazzjoni ulterjuri tagħhom;

L-azzjonijiet kollha għandhom ikunu ċċentrati fuq il-vittmi u jkollhom approċċ intersezzjonali.

*Rakkomandazzjoni 6 dwar il-ġbir u r-rapportar tad-data*

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiġbru u jippubblikaw b'mod regolari data komprensiva diżaggregata u komparabbli dwar il-forom differenti ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, mhux biss abbażi tar-rapporti dwar l-infurzar tal-liġi jew tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, iżda wkoll abbażi tal-esperjenzi tal-vittmi. Dik id-data tista' tiġi segwita minn studji komprensivi. Id-data tal-Istati Membri dwar il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru għandha tinġabar u ssir disponibbli permezz tal-bażijiet tad-data tal-istatistika tal-EIGE, tal-FRA u tal-Eurostat, u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jagħmlu l-aħjar użu mill-kapaċità u r-riżorsi tal-EIGE. Il-FRA għandha twettaq riċerka estensiva ġdida madwar l-Unjoni kollha dwar il-forom kollha ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, li għandha tkun ibbażata fuq l-aktar data reċenti tal-Unjoni sabiex tipprovdi rispons preċiż.
Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport fuq bażi regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta sa liema punt l-Istati Membri ħadu miżuri skont din ir-rakkomandazzjoni.
Il-Kummissjoni għandha ttejjeb ukoll id-data diżaggregata skont il-ġeneru fil-livell tal-Unjoni dwar il-prevalenza u d-dannu tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru.
Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw indikaturi biex ikejlu l-effettività tal-interventi tagħhom ħalli jindirizzaw il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru.
.
Rakkomandazzjonijiet addizzjonali jistgħu jinkludu:

- il-produzzjoni ta' statistika dwar il-prevalenza u l-forom ta' vjolenza ċibernetika, li fl-istess ħin trawwem l-uniformità u l-komparabbiltà tad-data miġbura mill-Istati Membri,
- programm għall-ġbir tad-data madwar l-Unjoni kollha;
- il-ġbir ta' data fuq bażi regolari għall-għarfien biex wieħed iżomm ruħu aġġornat mal-evoluzzjoni kostanti fl-għodod u fit-teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex titwettaq il-vjolenza ċibernetika,
- rakkomandazzjoni biex isir użu mill-kapaċità u l-għarfien espert tal-EIGE, il-Eurostat, il-FRA, il-Europol, il-Eurojust u l-ENISA.

## NOTA SPJEGATTIVA

**Sfond u ġustifikazzjoni tal-proposta**

Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kemm offline kif ukoll online, għandha għeruq fondi fl-inugwaljanzi strutturali li nsibu fis-soċjetà tagħna. Għadha mistura fis-silenzju u tibqa' wieħed mill-aktar każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru għadha mifruxa u għandha impatt kbir fuq il-vittmi, il-familji tagħhom, u l-komunitajiet. Is-sitwazzjoni hija aggravata aktar minn preġudizzji u stereotipi marbuta mal-ġeneru u l-manifestazzjoni kontinwa ta' relazzjonijiet ta' poter storikament mhux ugwali. Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) tirrikonoxxi din in-natura strutturali tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Għalhekk, mhuwiex fattur wieħed, iżda bosta – jiġifieri kulturali, legali, ekonomiċi u politiċi – li jikkontribwixxu biex jaggravaw il-vjolenza abbażi tal-ġeneru fis-soċjetà tagħna.

Fl-era diġitali tal-lum, l-Internet u l-ICT qed joħolqu spazji diġitali soċjali ġodda b'mod mgħaġġel u qed jittrasformaw il-mod kif l-individwi jiltaqgħu, jikkomunikaw u jinteraġixxu. Il-forom online u ffaċilitati mill-ICT ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru saru dejjem aktar komuni, b'mod partikolari bl-użu, kuljum u kullimkien, ta' pjattaformi tal-media soċjali u applikazzjonijiet tekniċi oħra. Il-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa hija forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. Il-vjolenza ċibernetika tinkludi l-fastidju online, is-cyberstalking, l-abbuż bl-immaġnijiet mhux kunsenswali, id-diskors ta' mibegħda sessista u forom oħra.

Madankollu, il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru mhijiex forma ġdida ta' vjolenza, iżda hija kontinwazzjoni ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru offline. Din għandha impatt qawwi fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, fuq id-dinjità tagħhom u fuq ħajjithom fil-livelli kollha, inklużi s-saħħa fiżika, emozzjonali u mentali tagħhom, il-benesseri kif ukoll l-iżvilupp soċjali, ekonomiku u professjonali tagħhom. Il-vittmi jesperjenzaw livelli ogħla ta' ansjetà, stress, depressjoni, trawma, attakki ta' paniku, telf ta' stima fihom infushom u sens ta' nuqqas ta' setgħa fil-kapaċità tagħhom li jirrispondu għall-abbuż. Xi gruppi ta' nisa, inklużi attivisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, nisa fil-politika, ġurnalisti, bloggers, nisa li jagħmlu parti minn minoranzi etniċi, nisa leżbjani, bisesswali u transġeneru, u nisa b'diżabilità huma partikolarment fil-mira ta' vjolenza ffaċilitata mill-ICT. Approċċ intersezzjonali huwa kruċjali biex wieħed jifhem il-forom speċifiċi ta' diskriminazzjoni li jaffettwaw lill-vittmi ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru. Ir-realtà turi wkoll li l-ilħna u l-parteċipazzjoni tan-nisa bħala ċittadini diġitali attivi spiss jiġu ċċensurati minn vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, u dan l-effett dissważiv spiss isir realtà.

Il-Parlament irrikonoxxa l-importanza li jintemmu l-vjolenza u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa permezz ta' diversi riżoluzzjonijiet u talab azzjonijiet legali u ta' politika biex jiġi miġġieled il-fenomenu. L-inizjattivi tal-Parlament li ġejjin jirriflettu dan it-tħassib:

- Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, mill-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, il-Parlament saħaq li għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi indirizzat il-fenomenu emerġenti tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru online, inklużi l-bullying, il-fastidju u l-intimidazzjoni, b'mod partikolari mmirati lejn in-nisa żgħażagħ u l-bniet u

l-persuni LGBTI,

- Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, il-Parlament enfasizza l-ħtieġa ta' definizzjonijiet legali armonizzati komuni taċ-ċiberkriminalità, inkluż l-abbuż sesswali u l-isfruttament tat-tfal online, il-fastidju ċibernetiku u l-attakki ċibernetiċi,
- Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2017 dwar il-ġlieda kontra l-fastidju u l-abbuż sesswali fl-UE, il-PE fakkar li hemm bżonn ta' azzjoni ewlenija kontra forom emerġenti ta' vjolenza, eż. fiċ-ċiberspazju, u enfasizza li l-fastidju online tan-nisa speċjalment fuq il-media soċjali jwassal għal forom oħra ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet,
- Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet permezz tas-settur diġitali, il-Parlament fakkar li l-modi diġitali ta' komunikazzjoni jikkontribwixxu għaż-żieda fid-diskors ta' mibegħda u fit-theddid kontra n-nisa u li l-forom varji ta' vjolenza ċibernetika kontra n-nisa għadhom mhumiex legalment rikonoxxuti. Għalhekk, il-Parlament appella għal aktar koordinazzjoni fost l-UE u l-Istati Membri sabiex jiġu miġġielda r-reati transfruntiera ffaċilitati mit-teknoloġija, eż. it-traffikar tal-bnedmin, il-fastidju online u s-cyberstalking, u appella lill-Istati Membri biex jinkludu forom ġodda ta' vjolenza ċibernetika fil-kodiċijiet kriminali tagħhom,
- Fis-26 ta' April 2018, il-kumitat FEMM adotta abbozz ta' rapport li jipproponi miżuri għall-ġlieda kontra l-fastidju morali u l-fastidju sesswali, inkluż online,
- Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-miżuri l-oħra biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru,
- Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, il-Parlament laqa' l-miżuri proposti mill-Kummissjoni biex tiġi indirizzata l-vjolenza ċibernetika li taffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa u l-bniet (inkluż il-fastidju online, il-bullying ċibernetiku u d-diskors ta' mibegħda sessista), b'mod partikolari attivisti, politiċi nisa u figuri pubbliċi oħra li jieħdu sehem fid-diskors pubbliku. Huwa ħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri u lill-UE jadottaw aktar miżuri, inklużi miżuri leġiżlattivi vinkolanti, biex jiġġieldu dawn il-forom ta' vjolenza fil-qafas ta' Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa, u li l-Istati Membri jingħataw appoġġ fl-iżvilupp ta' għodod ta' taħriġ għas-servizzi involuti fl-istadji kollha, mill-prevenzjoni u l-protezzjoni għall-prosekuzzjoni, bħall-forza tal-pulizija u s-sistema ġudizzjarja, flimkien mas-settur tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati wkoll d-drittijiet fundamentali online,
- Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar tnaqqis tad-disparità bejn il-ġeneri fil-qasam diġitali: il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija diġitali,
- Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Frar 2021 dwar l-isfidi għad-drittijiet tan-nisa fl-Ewropa fil-futur: aktar minn 25 sena wara d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, il-Parlament talab lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jadottaw miżuri speċifiċi biex jeqirdu l-vjolenza ċibernetika, inkluż il-fastidju online, il-bullying

ċibernetiku u d-diskors ta' mibegħda misoġinistika.

**Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din l-inizjattiva leġiżlattiva huwa l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). It-terminu "kriminalità tal-informatika" fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE jista' jkopri reati mwettqa kontra networks ta' komunikazzjoni elettronika jew sistemi ta' informazzjoni, jew permezz tagħhom. Mit-Trattat ta' Lisbona, kien hemm evoluzzjoni fit-terminoloġija rilevanti u t-termini "ċiberkriminalità" u "kriminalità tal-informatika" issa qed jintużaw wieħed flok l-ieħor. Forom serji ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru online b'dimensjoni transfruntiera jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' "kriminalità tal-informatika" skont it-tifsira tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE.
Għall-partijiet tal-proposta li għandhom l-għan li jippromwovu u jappoġġjaw l-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità u l-miżuri għall-protezzjoni, l-appoġġ u l-iżgurar tar-reparazzjoni għall-vittmi, l-Artikolu 84 tat-TFUE jista' jkun rilevanti wkoll. Madankollu, jekk il-miżuri preventivi previsti jitqiesu bħala anċillari għall-kriminalizzazzjoni tal-vjolenza ċibernetika, iż-żieda ta' bażi ġuridika speċifika ma tkunx meħtieġa.

**Spjegazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet proposti**

Ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-anness tar-Riżoluzzjoni jinkludu l-elementi li ġejjin: l-objettiv tad-Direttiva; il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet; il-miżuri preventivi; il-protezzjoni u l-appoġġ u r-reparazzjoni tal-vittmi; il-prosekuzzjoni u l-kriminalizzazzjoni tal-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u l-ġbir u r-rapportar tad-data.
L-objettiv tad-Direttiva huwa li tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni tar-reat ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru u sanzjonijiet relatati, li tistabbilixxi miżuri biex tippromwovi u tappoġġja l-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni ta' dan ir-reat kif ukoll miżuri biex tipproteġi, tappoġġja u tiżgura r-reparazzjoni għall-vittmi. Il-co-rapporteurs ta' din l-inizjattiva jqisu li l-UE ma għandhiex qafas legali biex tiġġieled il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u f'dan il-każ, b'mod aktar speċifiku, il-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, u biex tipproteġi u tappoġġja lill-vittmi.
Kif iddikjarat fir-Riżoluzzjoni hemm diversi definizzjonijiet ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru iżda ma hemm l-ebda waħda legali miftiehma fuq livell internazzjonali. Għal din ir-raġuni, ir-rakkomandazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet tħalli lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni speċifika li tista' tkopri kwalunkwe forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru mwettqa, megħjuna jew aggravata parzjalment jew kompletament bl-użu tal-ICT kontra mara minħabba li hija mara, jew taffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat. Din il-proposta hija bbażata fuq id-definizzjoni użata mir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-vjolenza kontra n-nisa, fir-rapport tagħha tal-2018 dwar il-vjolenza online.
Il-miżuri preventivi proposti huma marbuta mal-kawżi ewlenin tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluża l-vjolenza ċibernetika. Għal din ir-raġuni huma jiffokaw b'mod partikolari fuq l-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni, it-tneħħija tal-istereotipi marbuta mal-ġeneru u l-promozzjoni tar-riċerka. Il-miżuri jirrikjedu wkoll kooperazzjoni multidixxiplinari u bejn il-partijiet ikkonċernati, inkluż mal-fornituri ta' servizzi ta' hosting, kollaborazzjoni ma' kumpaniji tat-teknoloġija dwar l-aħjar prattiki biex tiġi indirizzata l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru f'konformità mad-drittijiet fundamentali.
Sabiex jiġu protetti u appoġġjati l-vittmi ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, il-proposta l-ewwel tiddikjara liema kategoriji ta' vittmi għandhom jiġu kkunsidrati. L-intenzjoni hija li

tkun komprensiva kemm jista' jkun filwaqt li jitqiesu l-intersezzjonalità u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi. Imbagħad il-proposta tinkludi diversi azzjonijiet biex jiġu implimentati l-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi. Issir enfasi partikolari fuq il-ħtieġa li jittejjeb u jiġi ffaċilitat ir-rapportar u li tiġi evitata vittimizzazzjoni sekondarja. It-taħriġ tal-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja u ta' dawk il-professjonisti li se jkunu f'kuntatt mal-vittmi huwa kruċjali biex jintlaħaq dan l-għan.
Flimkien ma' dawn l-azzjonijiet hemm servizzi ta' appoġġ speċifiċi li jridu jiġu implimentati jew li jridu żviluppati biex ikopru wkoll il-vittmi ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru (linji għall-għajnuna, postijiet ta' kenn).
Element ieħor tal-inizjattiva leġiżlattiva huwa relatat mal-liġi kriminali u l-prosekuzzjoni ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru. L-UE jeħtiġilha tkun tista' tistabbilixxi regoli minimi biex tiżgura l-prosekuzzjoni ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru. Ir-rakkomandazzjoni inkluża fl-anness ma tispeċifikax ir-reati u l-aggravazzjonijiet kollha possibbli, peress li l-iżvilupp mgħaġġel tat-teknoloġiji diġitali jista' jiġġenera forom ġodda ta' vjolenza ċibernetika. Dan jagħti lill-Kummissjoni sett ta' kriterji biex tiddefinixxi dawn ir-reati.
Madankollu, il-korapporteurs iqisu li l-imġiba li ġejja għandha titqies li tistabbilixxi l-lista ta' reati fil-kuntest ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru:

- **Fastidju ċibernetiku** (inkluż: il-bullying ċibernetiku, riċeviment mhux mitlub ta' materjali sesswalment espliċiti, fastidju morali),
- **Cyberstalking,**
- **Ksur tal-privatezza relatat mal-ICT** (inkluż l-aċċess, il-kondiviżjoni u l-manipulazzjoni ta' data jew immaġnijiet privati, inkluża data intima mingħajr kunsens, abbuż sesswali bbażat fuq l-immaġnijiet u divulgazzjoni mhux kunsenswali ta' immaġnijiet sesswali, doxxing, serq ta' identità),
- **Il-kontroll jew is-sorveljanza mill-bogħod** (inkluż permezz ta' apps ta' spjunaġġ fuq apparati mobbli),
- **Theddid** (inkluż theddid dirett u theddid ta' vjolenza, estorsjoni, estorsjoni sesswali, rikatt),
- **Diskors ta' mibegħda sessista** (inklużi: il-pubblikazzjoni u l-kondiviżjoni ta' kontenut vjolenti, l-użu ta' kummenti u insulti sessisti u/jew abbażi tal-ġeneru, l-abbuż tan-nisa talli esprimew il-fehmiet tagħhom stess u talli rrifjutaw avvanzi sesswali),
- **Suwiċidju** jew anoressija u komportamenti li jikkawżaw ħsara psikika,
- **Ħsara fil-kompjuters** lil fajls, programmi, apparati, attakki fuq siti web u fuq mezzi oħra ta' komunikazzjoni diġitali,
- **Aċċess illegali** għal messaġġi bil-mobile, email, b'messaġġerija istantanja jew għal kontijiet tal-media soċjali,
- Ksur tal-projbizzjonijiet ta' komunikazzjoni adottati b'riżoluzzjoni ġudizzjarja,
- **Vjolenza diretta**.

Fl-aħħar nett, l-inizjattiva tissottolinja l-ħtieġa li jkun hemm strateġija ċara dwar il-ġbir u r-rapportar ta' data diżaggregata u komparabbli mill-awtoritajiet ikkonċernati. Jekk l-UE trid li jkollha qafas xieraq biex tiġġieled il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza ċibernetika,

jew il-vjolenza kontra n-nisa b'mod ġenerali, din jeħtiġilha tkun tista' tiġbor u tippubblika data dwar il-forom differenti ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru. Flimkien mad-data ppreżentata mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippreżenta fuq bażi regolari rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva inklużi miżuri/emendi potenzjali biex tittejjeb.

**Konklużjoni**

Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluża l-vjolenza ċibernetika, għadha tikber bi sfidi soċjetali differenti, kif ġie osservat reċentement matul il-kriżi relatata mat-tifqigħa tal-COVID-19, u hemm nuqqas ta' rieda politika biex issir prijorità. Il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tfisser l-qerda ta' kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u t-tneħħija tal-ostakli li jipprevjenu lin-nisa milli jirrealizzaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom. Hemm firxa wiesgħa ta' approċċi biex tiġi indirizzata l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru fl-Istati Membri. Minbarra n-nuqqas ta' definizzjoni armonizzata u approċċ komuni, xi problemi u sfidi oħra jinkludu: sottorappurtar, għarfien pubbliku u tal-infurzar tal-liġi limitat, appoġġ insuffiċjenti għall-vittmi, kif ukoll riċerka u għarfien limitati dwar il-fenomenu. Għalhekk, sabiex tingħata spinta ġdida lill-qerda tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kemm offline kif ukoll online, jeħtiġilna nkunu lesti li neżaminaw il-kawżi sottostanti tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, is-sistemi li jiffaċilitawha u l-fatturi li jaggravaw din il-vjolenza. Il-kawżi ewlenin tat-tipi kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru huma l-istess u din hija r-raġuni għaliex għandna bżonn liġijiet u politiki li jindirizzawhom b'mod olistiku. Il-Konvenzjoni ta' Istanbul hija għalhekk l-aktar trattat internazzjonali komprensiv li jifforma qafas legali għall-protezzjoni tan-nisa u l-bniet minn kull forma ta' vjolenza u għall-prevenzjoni, il-prosekuzzjoni u l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontrihom. Filwaqt li r-ratifika tal-Konvenzjoni għadha mblukkata fil-Kunsill, l-UE ma għandhiex tistenna, minħabba li kull jum li nistennew iwassal għal vittmi ġodda ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. L-inizjattiva leġiżlattiva proposta għandha l-għan li tindirizza dan il-fenomenu. Din tuża approċċ olistiku sabiex tikkriminalizza ċerta mġiba iżda wkoll biex tappoġġja u tipproteġi lill-vittmi ta' dik l-imġiba.

## ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Il-lista li ġejja hija kkompilata fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet kontribut mingħand l-entitajiet jew persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

**Entità u/jew persuna:**

**Asha Allen**
Uffiċjal tal-Politika u l-Kampanji, Lobby Ewropew tan-Nisa

**Il-Lobby Ewropew tan-Nisa**

**Hate Aid**

**Iverna McGowan**
Direttriċi u Segretarja Ġenerali għad-Demokrazija u t-Teknoloġija, Uffiċċju tal-Ewropa

**Laia Serra Perelló**
Avukat tal-kriminal, għalliema u attivista.

**Dr Zuzanna Warso**
Speċjalista fl-Analiżi tar-Riċerka fl-intersezzjoni bejn ix-xjenza, it-teknoloġija u l-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 30.11.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 76<br>–: 8<br>0: 8 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Isabella Adinolfi, Christine Anderson, Malik Azmani, Simona Baldassarre, Katarina Barley, Pernando Barrena Arza, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Vilija Blinkevičiūtė, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Joachim Stanisław Brudziński, Annika Bruna, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Caterina Chinnici, Clare Daly, Margarita de la Pisa Carrión, Anna Júlia Donáth, Lena Düpont, Rosa Estaràs Ferragut, Laura Ferrara, Frances Fitzgerald, Cindy Franssen, Heléne Fritzon, Lina Gálvez Muñoz, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Peter Kofod, Łukasz Kohut, Arba Kokalari, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Lukas Mandl, Karen Melchior, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Andżelika Anna Możdżanowska, Maria Noichl, Maite Pagazaurtundúa, Pina Picierno, Sirpa Pietikäinen, Emil Radev, Samira Rafaela, Paulo Rangel, Evelyn Regner, Terry Reintke, Diana Riba i Giner, Diana Riba i Giner, María Soraya Rodríguez Ramos, Christine Schneider, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Martin Sonneborn, Sylwia Spurek, Jessica Stegrud, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Tomas Tobé, Isabella Tovaglieri, Dragoş Tudorache, Milan Uhrík, Ernest Urtasun, Hilde Vautmans, Bettina Vollath, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jadwiga Wiśniewska, Elena Yoncheva, Chrysoula Zacharopoulou, Javier Zarzalejos, Marco Zullo |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Lefteris Christoforou, Tanja Fajon, Elena Kountoura, Anne-Sophie Pelletier, Yana Toom, Miguel Urbán Crespo, Hilde Vautmans, Petar Vitanov, Axel Voss, Isabel Wiseler-Lima |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 76 | + |
|---|---|
| ECR | Andżelika Anna Możdżanowska |
| NI | Laura Ferrara, Martin Sonneborn |
| PPE | Magdalena Adamowicz, Isabella Adinolfi, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Lefteris Christoforou, Nathalie Colin-Oesterlé, Lena Düpont, Rosa Estaràs Ferragut, Frances Fitzgerald, Cindy Franssen, Arba Kokalari, Jeroen Lenaers, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Lukas Mandl, Nadine Morano, Sirpa Pietikäinen, Emil Radev, Paulo Rangel, Christine Schneider, Ralf Seekatz, Tomas Tobé, Axel Voss, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos |
| Renew | Malik Azmani, Anna Júlia Donáth, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Karen Melchior, Maite Pagazaurtundúa, Samira Rafaela, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Šimečka, Ramona Strugariu, Yana Toom, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Chrysoula Zacharopoulou, Marco Zullo |
| S&D | Katarina Barley, Pietro Bartolo, Vilija Blinkevičiūtė, Caterina Chinnici, Tanja Fajon, Heléne Fritzon, Lina Gálvez Muñoz, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Maria Noichl, Pina Picierno, Evelyn Regner, Birgit Sippel, Petar Vitanov, Bettina Vollath, Elena Yoncheva |
| The Left | Pernando Barrena Arza, Clare Daly, Elena Kountoura, Anne-Sophie Pelletier, Miguel Urbán Crespo |
| Verts/ALE | Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Terry Reintke, Diana Riba i Giner, Sylwia Spurek, Tineke Strik, Ernest Urtasun |

| 8 | - |
|---|---|
| ECR | Jorge Buxadé Villalba, Margarita de la Pisa Carrión |
| ID | Christine Anderson, Simona Baldassarre, Annalisa Tardino, Isabella Tovaglieri |
| NI | Milan Uhrík |
| Verts/ALE | Patrick Breyer |

| 8 | 0 |
|---|---|
| ECR | Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Jessica Stegrud, Jadwiga Wiśniewska |
| NI | Nicolas Bay, Annika Bruna, Jean-Paul Garraud, Peter Kofod |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni